



6649/25

---

Fajl Interistituzzjonal:  
2021/0205(COD)

---

AVIATION 25  
TRANS 43  
ENV 111  
ENER 42  
IND 51  
COMPET 104  
ECO 8  
RECH 73  
CODEC 189

#### NOTA TA' TRAŻMISSJONI

---

minn:	Is-Segretarju Ĝeneralu tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	27 ta' Frar 2025
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ĝeneralu tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2025) 59 final
Suġġett:	RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-KUNSILL Il-mekkaniżmu ta' flessibbiltà tal-fjuwils tal-avjazzjoni sostenibbli ta' ReFuelEU Aviation

---

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument COM(2025) 59 final.

---

Mehmuż: COM(2025) 59 final



IL-KUMMISSJONI  
EWROPEA

Brussell, 27.2.2025  
COM(2025) 59 final

**RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-KUNSILL**

**Il-mekkaniżmu ta' flessibbiltà tal-fjuwils tal-avjazzjoni sostenibbli ta' ReFuelEU  
Aviation**

## **Werrej**

1	Introduzzjoni .....	2
2	Ħarsa ġenerali lejn is-suq tal-fjuwil tal-avjazzjoni tal-UE .....	5
2.1	Fjuwil tal-avjazzjoni konvenzjonali fl-UE.....	6
2.2	Fjuwils tal-avjazzjoni sostenibbli fl-UE .....	7
3	Il-mekkaniżmu ta' flessibbiltà tal-SAF ta' ReFuelEU Aviation.....	13
4	Objettivi u pożizzjonijiet tal-industrija dwar titjib possibbli u miżuri addizzjonali għall-mekkaniżmu ta' flessibbiltà tal-SAF .....	15
4.1	Objettivi .....	15
4.2	Pożizzjonijiet tal-industrija .....	16
5	Titjib possibbli u miżuri addizzjonali għall-mekkaniżmu ta' flessibbiltà tal-SAF.....	26
5.1	Titjib potenzjali permezz ta' bidliet fil-Bażi tad-Data tal-Unjoni għall-Bijofjuwils (UDB) 26	
5.2	Titjib potenzjali permezz tal-implimentazzjoni ta' mekkaniżmu ta' kontabilità tal-SAF	
	29	
6	Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet.....	33
6.1	Valutazzjoni tal-iżviluppi fil-produzzjoni u l-provvista tal-SAF fis-suq tal-fjuwil tal-avjazzjoni tal-UE .....	33
6.2	Valutazzjoni ta' titjib possibbli jew miżuri addizzjonali għall-mekkaniżmu ta' flessibbiltà eżistenti tal-SAF bil-ħsieb li jiġu ffaċilitati aktar il-provvista u l-użu tal-SAF għall-avjazzjoni matul il-perjodu ta' flessibbiltà .....	35

# 1 Introduzzjoni

Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar il-Patt Ekoloġiku Ewropew<sup>1</sup> tistabbilixxi l-miri għat-tnaqqis tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra fit-trasport b'mill-inqas 90 % sal-2050 meta mqabbla mal-1990, u għaż-żieda fil-produzzjoni u l-użu ta' fjuwils tat-trasport alternattivi sostenibbli. Il-fjuwils tal-avjazzjoni sostenibbli (SAF, sustainable aviation fuels) huma rikonoxxuti bħala l-akbar kontributur għal kwalunkwe approċċe fuq terminu qasir sa twil għat-tnaqqis tal-emissjonijiet globali tas-CO<sub>2</sub> mill-avjazzjoni. Dan huwa rifless ukoll fid-diskussjonijiet u l-miżuri meħuda internazzjonalment mill-Organizzazzjoni tal-Avjazzjoni Ċivil Internazzjonali (ICAO, International Civil Aviation Organisation). F'dan il-kuntest, l-Unjoni Ewropea adottat ir-Regolament (UE) 2023/2405<sup>2</sup> (ReFuelEU Aviation). ReFuelEU Aviation għandu l-għan li jiddekaronizza s-settur tal-avjazzjoni billi jimponi l-provvista tal-fjuwils tal-avjazzjoni li fihom sehem minimu dejjem akbar ta' SAF<sup>3</sup> – SAF imħallta – fl-ajruporti kollha tal-Unjoni li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni ta' ReFuelEU Aviation<sup>4</sup>, filwaqt li jiġu evitati distorsjonijiet potenzjali fis-suq intern tal-avjazzjoni. L-UE taqdi rwol ewljeni fil-livell dinji fl-użu tal-SAF. ReFuelEU Aviation jisfrutta l-akbar punt b'saħħtu tal-UE: is-suq intern tagħha – b'mod partikolari fir-rigward tal-forniment ta' servizzi tal-ajru – li huwa wieħed mill-aktar swieq integrati u effiċċienti fid-dinja kif ukoll kruċjali għall-kompetittività tal-UE fil-livell dinji. Dan jistabbilixxi obbligi, definizzjonijiet u penali armonizzati fl-UE kollha li jippreservaw il-kundizzjonijiet ekwi. Huwa konsistenti wkoll mal-ġhan ta' aspirazzjoni dinji fit-tul (LTAG, long-term global aspirational goal) għall-avjazzjoni internazzjonali ta' emissjonijiet tal-karbonju żero netti sal-2050, li ġie adottat fl-2022 mill-41 Assemblea tal-ICAO u mal-ġhan ta' aspirazzjoni tal-ICAO ta' tnaqqis ta' 5 % fl-emissjonijiet ta' gassijiet serra mill-avjazzjoni internazzjonali sal-2030 maqbul matul is-CAAF/3<sup>5</sup> fl-2023.

ReFuelEU Aviation jikkontribwixxi għall-kisba tal-ġhan klimatiku tal-UE, li ġie stabbilit mil-Liġi Ewropea dwar il-Klima, li ssir newtrali għall-klima sal-2050. F'dan ir-rigward, huwa mistenni li ReFuelEU Aviation waħdu se jgħin biex jitnaqqsu l-emissjonijiet tas-CO<sub>2</sub> mill-avjazzjoni fl-UE b'mill-inqas 60 % sal-2050, b'effetti konsegwenzjali potenzjali addizzjonali bħat-titjib fil-kwalità tal-arja lokali (b'mod partikolari madwar l-ajruporti) u l-profitt mill-emissjonijiet mhux tas-CO<sub>2</sub> aktar baxxi li jinvvoli l-użu tal-SAF imħallta, b'mod partikolari biex jitnaqqas l-impatt tal-istrixex ta' kondensazzjoni. Is-suq tal-SAF għadu fl-istadju bikri tal-ħolqien. Madankollu, id-dħul fis-seħħ ta' ReFuelEU Aviation digħà ta spinta lill-momentum attwali tal-investiment fil-produzzjoni tal-SAF fl-UE<sup>6</sup> u kkontribwixxa b'mod sinifikanti biex jiġi eliminat iċ-ċirku vizzjuż bejn il-provvista tal-SAF u d-domanda għalihom. ReFuelEU Aviation sejkun l-element ewljeni biex tingħelex l-

<sup>1</sup> <https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?qid=1588580774040&uri=CELEX%3A52019DC0640>

<sup>2</sup> <https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=celex%3A32023R2405>

<sup>3</sup> “SAF” hawnhekk tirreferi għall-komponent ta’ taħlita sintetika (SBC, synthetic blend component). Dan huwa prodott sintetiku mmanifatturat u ċċertifikat skont l-ASTM D7566. L-SBC huwa ekwivalenti għal SAF li muwiex imħallat ma’ fjuwil tal-avjazzjoni konvenzjonali.

<sup>4</sup> Ara l-Artikolu 3(1) ta' ReFuelEU Aviation.

<sup>5</sup> <https://www.icao.int/Meetings/CAAF3/Pages/default.aspx>

<sup>6</sup> L-Агентија tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni tal-Unjoni Ewropea (EASA, European Union Aviation Safety Agency), *State of the EU SAF market in 2023, 2024* - <https://www.easa.europa.eu/en/domains/environment/refuel-eu-aviation/eu-saf-market-report>.

isfida tal-UE fl-użu wiesa' tal-SAF, peress li: jippermetti l-moviment liberu ta' dawn il-fjuwils tal-avjazzjoni ġodda fis-suq intern; jiftaħ swieq u opportunitajiet ġodda; u jintroduċi għodod ta' rapportar diġitali u flessibbiltà mmirata biex il-ħajja ssir aktar faċli u aktar rapida għall-kumpaniji u għall-investituri. It-tranżizzjoni tas-settur tal-avjazzjoni lejn SAF imħallta hija ta' beneficiċju mhux biss għall-klima iżda wkoll għall-ekonomija tal-UE. Iċ-ċertezza regolatorja pprovduta minn ReFuelEU Aviation se tiżbzokka l-investiment f'impjanti ġodda tal-produzzjoni tal-SAF u żżid l-awtonomija strateġika tal-provvista tal-enerġija tal-UE minħabba l-varjetà ta' materja prima tal-SAF u ta' perkorsi tal-produzzjoni li jistgħu jiġu prodotti fl-UE. Dan l-objettiv huwa appoġġat mill-Patt għal Industrija Nadira mħabbar mill-President von der Leyen u mill-Pjan ta' Investiment futur għat-Trasport Sostenibbli msemmi fl-ittra ta' missjoni<sup>7</sup> lill-Kummissarju għat-Trasport Sostenibbli u għat-Turiżmu, Apostolos Tzitzikostas. ReFuelEU Aviation jistabbilixxi livelli minimi uniformi għas-sehem tal-provvista tal-SAF imħallta fil-livell tal-UE, u b'hekk joħloq kundizzjonijiet ekwi bejn l-operaturi ekonomiċi tal-avjazzjoni. Jistabbilixxi wkoll perkors għall-UE biex taħtaf l-opportunità maħluqa mit-tranżizzjoni sostenibbli tal-avjazzjoni biex ittejjeb is-sigurtà tal-enerġija tagħha u ssaħħa l-industria fl-Istati Membri kollha.

Ta' min jinnota li r-rekwiżiti tal-provvista minima obbligatorja ta' ReFuelEU Aviation ikopru biss l-SAF imħallta. L-istandardi eżistenti tal-kwalità tal-fjuwil tal-avjazzjoni ma jippermettux li l-SAF jiġu fornuti u jintużaw f'inġenju tal-ajru mingħajr ma l-ewwel jiġu mħallta ma' fjuwil tal-avjazzjoni konvenzjonali<sup>8</sup>. Bl-istess mod, ReFuelEU Aviation ma jistabbilix livell minimu obbligatorju ta' użu tal-SAF imħallta mill-operaturi tal-ingēnji tal-ajru. L-operaturi tal-ingēnji tal-ajru u l-fornituri tal-fjuwil tal-avjazzjoni huma liberi li jiddeċiedu dwar l-ammont tal-SAF imħallta li jixtiequ jinnegożjaw fis-suq – dment li l-fornituri tal-fjuwil tal-avjazzjoni jikkonformaw mal-ishma minimi obbligatorji tal-provvista tal-SAF imħallta u li l-operaturi tal-ingēnji tal-ajru jikkonformaw mal-obbligu ta' riforniment stabbilit f'ReFuelEU Aviation, kull sena u f'kull ajruport tal-Unjoni.

B'eċċeżżjoni, il-mekkaniżmu ta' flessibbiltà tal-SAF, għall-perjodu 2025–2034, jippermetti lill-fornituri tal-fjuwil tal-avjazzjoni jforġu l-ishma minimi tal-SAF bħala medja ponderata fuq il-fjuwil tal-avjazzjoni kollu li jkunu fornew fl-ajruporti kollha tal-Unjoni f'sena partikolari. Madankollu, mill-2035 'il quddiem, il-fjuwil tal-avjazzjoni kollu fornut fl-ajruporti tal-Unjoni jrid ikun SAF imħallat. Għalhekk, il-fjuwil tal-avjazzjoni konvenzjonali mhux se jibqa' disponibbli fl-ajruporti tal-Unjoni. Il-mekkaniżmu ta' flessibbiltà tal-SAF huwa maħsub biex jagħti lill-industria tal-SAF, u b'mod partikolari lill-fornituri tal-fjuwil tal-avjazzjoni, bieżżejjed żmien biex itejbu l-kapaċitajiet tal-produzzjoni u tal-provvista tagħhom. Dan se jippermetti wkoll lill-fornituri tal-fjuwil tal-avjazzjoni jissodis faw l-obbligi tagħhom b'mod kosteffettiv u mingħajr ma jkollhom inaqqsu l-ambizzjoni ambjentali kumplessiva ta' ReFuelEU Aviation.

Dan ir-rapport jippreżenta l-iżviluppi fil-produzzjoni u l-provvista tal-SAF fis-suq tal-fjuwil tal-avjazzjoni tal-UE. Jippreżenta wkoll is-sejbiet tal-monitoraġġ, li twettaq mis-servizzi tal-

<sup>7</sup> [https://commission.europa.eu/document/de676935-f28c-41c1-bbd2-e54646c82941\\_en](https://commission.europa.eu/document/de676935-f28c-41c1-bbd2-e54646c82941_en)

<sup>8</sup> Tali ħidma ta' standardizzazzjoni għadha għaddejja biex fil-futur ikun permess 100 % ta' SAF. Ara l-Anness 1 għal-limiti attwali ta' taħlit.

Kummissjoni, tal-implimentazzjoni tal-mekkaniżmu ta' flessibbiltà tal-SAF matul dawn l-istadji tant bikrija tal-applikazzjoni ta' ReFuelEU Aviation, kif meħtieġ mill-Artikolu 15(2) ta' ReFuelEU Aviation. Għal dan l-għan, twettaq ukoll studju ta' sostenn estern<sup>9</sup>.

Il-Kapitolu 2 jipprovdi ħarsa ġenerali lejn is-suq attwali tal-UE għall-fjuwils tal-avjazzjoni konvenzjonali kif ukoll għal dawk sostenibbli. Il-Kapitolu 3 jkopri l-funzjonament tal-mekkaniżmu ta' flessibbiltà tal-SAF f'aktar dettall u janalizza l-konsegwenzi mistennija tiegħu għall-partijiet ikkonċernati rilevanti affettwati minn ReFuelEU Aviation. Il-Kapitoli 4 u 5 jesploraw titjib potenzjali u miżuri addizzjonal iġ-ġalli mekkaniżmu ta' flessibbiltà tal-SAF, bil-ħsieb li jiġu ffaċilitati aktar il-provvista u l-użu tal-SAF fl-ajruporti tal-Unjoni, kif meħtieġ mill-Artikolu 15(2) ta' ReFuelEU Aviation. Din l-analiżi tħalli l-valutazzjoni tal-implimentazzjoni jew tar-rikoxximent ta' mekkaniżmu ta' kontabilità tal-SAF. Tindirizza kemm it-träċċabbiltà kif ukoll in-negozjabbiltà tal-SAF skont il-qafas leġiżlattiv tal-UE li jista' jippermetti l-provvista tal-fjuwil tal-avjazzjoni fl-UE mingħajr ma tkun fiżikament konnessa ma' sit tal-provvista. Il-Kapitolu 6 jiġbor fil-qosor is-sejbiet u jistabbilixxi xi rakkmandazzjonijiet mill-Kummissjoni dwar il-passi li jmiss.

---

<sup>9</sup> Guidehouse, *Assessment of the production and supply of SAF in Union airports and study on the feasibility of the creation of a system of tradability of SAF in the EU*, 2024.

## 2 Ħarsa ġenerali lejn is-suq tal-fjuwil tal-avjazzjoni tal-UE

L-Artikolu 3(6) ta' ReFuelEU Aviation jiddefinixxi "fjuwil tal-avjazzjoni" bħala fjuwil ta' sostituzzjoni manifatturat għall-użu dirett mill-ingēnja tal-ajru. Fl-UE, Jet A-1 jiġi prodott u kkonsenjat skont l-istandard tal-kwalità tal-fjuwil użat għall-kerosin tal-avjazzjoni stabbilit mill-istandard tad-difiża (DefStan) 91-091<sup>10</sup>. Dan l-istandard ikopri kważi 100 % tal-konsum totali tal-kerosin tal-avjazzjoni fl-UE.

L-istandard tal-kwalità tal-fjuwil għad-diversi perkorsi tal-produzzjoni tal-SAF huma stabbiliti minn ASTM International taħt ASTM D7566<sup>11</sup> u huma adottati f'DefStan 91-091. Tmien perkorsi tal-SAF (ASTM D7566) u tliet perkorsi ta' koproċessar ta' SAF (ASTM D1655<sup>12</sup>) diġà ġew ikkwalifikati u approvati. Iż-żewġ standards (DefStan 91-091 u ASTM D1655) jiddeskrivu l-ispeċifikazzjonijiet tal-kwalità għall-kerosin tal-avjazzjoni li għandu jintuża fl-avjazzjoni kummerċjali. ASTM D7566 jistabbilixxi speċifikazzjonijiet tal-kwalità differenti għal kull wieħed mill-perkorsi tal-produzzjoni tal-SAF kif ukoll ir-rekwiżiti għall-SAF imħallta. Ladarba kemm l-SAF kif ukoll il-fjuwils tal-avjazzjoni konvenzjonali jiġu ċċertifikati, it-taħlita tat-tnejn tista' ssir filwaqt li jitqiesu r-rekwiżiti tat-taħlit għal kull tip ta' perkors tal-SAF<sup>13</sup>. Ladarba jitħalltu, l-SAF imħallta jrid isirilhom kontroll ieħor tal-kwalità tal-fjuwil biex tingħata prova tal-konformità mar-rekwiżiti tat-taħlit fl-ASTM D7566. Jekk tgħaddi minn dan il-kontroll, imbagħad it-taħlita tal-SAF tigħi ddikjarata bħala fjuwil DefStan 91-091 u tkun tista' tintuża f'ingenu tal-ajru.

L-Artikolu 3(7) ta' ReFuelEU Aviation jiddefinixxi l-SAF bħala fjuwils tal-avjazzjoni li huma jew fjuwils tal-avjazzjoni sintetiċi, bijofjuwils tal-avjazzjoni jew fjuwils tal-avjazzjoni minn karbonju riċiklat. Dawn it-tipi ta' fjuwils huma definiti aktar fl-Artikolu 3(12), 3(8) u 3(9) ta' ReFuelEU Aviation rispettivament. Dawn kollha jirriżultaw mid-Direttiva (UE) 2018/2001<sup>14</sup> (l-RED, Renewable Energy Directive). Il-fornituri tal-fjuwil tal-avjazzjoni jistgħu jiddeċiedu wkoll li jikkonformaw mal-ishma minimi tal-SAF u tal-fjuwils tal-avjazzjoni sintetiċi li jużaw l-idroġenu rinnovabbi għall-avjazzjoni u l-fjuwils tal-avjazzjoni b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju kif definit fl-Artikolu 3(16) u 3(18) ta' ReFuelEU Aviation rispettivament. Fir-rigward ta' ReFuelEU Aviation, l-idroġenu għall-avjazzjoni mħuwiex definit bħala fjuwil tal-avjazzjoni minħabba li mħuwiex fjuwil ta' sostituzzjoni mmanifatturat għall-użu dirett mill-ingēnji tal-ajru. L-idroġenu għall-avjazzjoni jrid jintuża f'ingenu tal-ajru tal-ġenerazzjoni li jmiss li jisfruttaw teknoloġiji innovattivi ta' propulsjoni. Dan ir-rapport jindirizza biss il-fjuwils definiti bħala SAF fir-Regolament.

<sup>10</sup> Standard tad-Difiża 91-091: Kerosin tal-Avjazzjoni, Tip ta' Kerosin, Jet A-1; Kodiċi tan-NATO: F-35; Deżejnjazzjoni ta' Servizz Konġunt: AVTUR - <https://www.dstan.mod.uk/StanMIS/DefStan/Edit/8707>.

<sup>11</sup> Standard Specification for Aviation Turbine Fuel Containing Synthesized Hydrocarbons – <https://www.astm.org/d7566-22.html>. Ara wkoll l-Annessi 1 u 2.

<sup>12</sup> Standard Specification for Aviation Turbine Fuels – <https://www.astm.org/d1655-22a.html>.

<sup>13</sup> Ara l-Anness 2.

<sup>14</sup> <https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=CELEX%3A02018L2001-20231120>

## 2.1 Fjuwil tal-avjazzjoni konvenzjonali fl-UE

L-UE bħalissa għandha 77 raffinerija f'21 Stat Membru li jirfinaw iż-żejt mhux maħdum. Il-fjuwil tal-avjazzjoni konvenzjonali tipikament irrapreżenta madwar 9 % tal-produzzjoni totali tagħhom fl-2022. F'dik l-istess sena, l-UE ddependiet fuq l-importazzjonijiet netti għal aktar minn 97 % tal-konsum taż-żejt mhux maħdum tagħha<sup>15</sup>, u dan juri d-dipendenza għolja fuq il-pajjiżi mhux tal-UE għall-provvista tal-fjuwils tal-avjazzjoni.

Il-biċċa l-kbira tar-raffineriji fl-UE jinsabu mal-kosta jew qrib il-passaġġi fuq l-ilma<sup>16</sup>. Il-post ta' raffinerija, id-distanza mill-ajruporti li għalihom tiproduċi l-fjuwil tal-avjazzjoni konvenzjonali u l-mod tat-trasport użat biex jiġu kkonsenjati l-fjuwils għandhom impatt fuq il-katina tal-provvista. Fl-aħħar mill-aħħar dan jista' jkollu impatt fuq il-prezz tal-fjuwil tal-avjazzjoni fl-ajruporti fl-UE.

Il-prezz tal-fjuwil tal-avjazzjoni jiddependi ħafna wkoll fuq l-arranġament għall-akkwist tal-fjuwil magħmul mill-operaturi tal-ingēnji tal-ajru. L-aktar arranġament kummerċjali komuni huwa li operatur tal-ingēnji tal-ajru u fornitur tal-fjuwil tal-avjazzjoni jiffirmaw ftehim dwar il-provvista tal-fjuwil (FSA, fuel supply agreement). Dan jista' pereżempju jkun ibbażat fuq il-Mudell ta' Ftehim dwar il-Provvista tal-Fjuwils tal-Avjazzjoni tal-Assoċjazzjoni Internazzjonali tat-Trasport bl-Ajru (IATA, International Air Transport Association)<sup>17</sup>, li jistabbilixxi l-qafas ġenerali u t-termini u l-kundizzjonijiet għall-bejgħ u x-xiri tal-fjuwil. Il-partijiet iridu jilħqu ftehim ukoll dwar termini speċifiċi għal kull post (jiġifieri ajruport) fejn jiġi fornut il-fjuwil. Kull ftehim dwar il-post (mehmuż mal-FSA) jispeċifika l-kwalità, il-kwantità u l-prezz tal-fjuwil u termini ewlenin oħra. Il-prezz tal-fjuwil tal-avjazzjoni konvenzjonali fl-UE jista' jvarja b'mod sinifikanti (kif muri minn Eurocontrol fl-2019)<sup>18</sup>.

Xi operaturi tal-ingēnji tal-ajru stabbilew entità ta' awtoprovvista li takkwista l-fjuwil tal-avjazzjoni mill-produtturi tal-fjuwil tal-avjazzjoni jew minn negozjanti oħra mbagħad tħiġi lill-entità li topera l-ingēnji tal-ajru. F'xi każiċċiet speċifiċi, l-entità ta' awtoprovvista hija l-istess entità legali bħall-entità li topera l-ingēnji tal-ajru. ReFuelEU Aviation jippermetti lil entità legali partikolari jkollha diversi obbligi.

Is-sejbiet mill-Istħarriġ dwar l-Ajruporti<sup>19</sup> mwettaq minn Guidehouse fil-kuntest tal-istudju ta' sostenn juru li l-biċċa l-kbira tal-ajruporti għandhom bejn fornitur wieħed u ħames fornituri tal-fjuwil tal-avjazzjoni li joperaw fil-bini tagħhom. Għadd sinifikanti ta' ajruporti għandhom biss fornitur wieħed jew tnejn tal-fjuwil tal-avjazzjoni. Ajruporti differenti għandhom proċeduri differenti għall-għoti tad-drittijiet b'raba mal-provvista tal-fjuwil tal-avjazzjoni (eż. proċedura ta' sejħa għall-offerti jew sehem mis-sjieda tal-faċilità tal-ħżin tal-fjuwil tal-ajruport). Bħala medja,

<sup>15</sup> Eurostat (2024) – [https://ec.europa.eu/eurostat/statistics-explained/index.php?title=Oil\\_and\\_petroleum\\_products\\_-\\_a\\_statistical\\_overview&oldid=315177](https://ec.europa.eu/eurostat/statistics-explained/index.php?title=Oil_and_petroleum_products_-_a_statistical_overview&oldid=315177).

<sup>16</sup> Energy and Industry Geography Lab - <https://energy-industry-geolab.jrc.ec.europa.eu/>

<sup>17</sup> IATA - <https://www.iata.org/en/programs/ops-infra/fuel/>

<sup>18</sup> Eurocontrol, *Fuel Tankering: economic benefits and environmental impact*, 2019 - [eurocontrol-think-paper-1-fuel-tankering.pdf](http://eurocontrol-think-paper-1-fuel-tankering.pdf).

<sup>19</sup> Guidehouse, *Assessment of the production and supply of SAF in Union airports and study on the feasibility of the creation of a system of tradability of SAF in the EU*, 2024.

l-ajruporti fejn id-drittijiet b'rabta mal-provvista tal-fjuwil tal-avjazzjoni jingħataw permezz ta' offerta tipikament ikollhom inqas fornitori tal-fjuwil tal-avjazzjoni minħabba li tali offerti spiss jagħtu drittijiet esklużivi b'rabta mal-provvista tal-fjuwil tal-avjazzjoni lil fornitur wieħed jew lil ftit fornitori tal-fjuwil tal-avjazzjoni għal għadd ta' snin.

## 2.2 Fjuwils tal-avjazzjoni sostenibbli fl-UE

### 2.2.1 Produzzjoni u provvista tal-SAF

Il-kapaċità tal-produzzjoni tal-SAF fl-UE laħqet biss 0,3 miljun tunnellata (Mt) fl-2023<sup>20</sup>. Dan jirrapreżenta madwar 0,6 % tal-konsum tal-fjuwil tas-settur tal-avjazzjoni tal-UE u juri falliment tas-suq fir-rigward tal-akkwist tal-SAF. Is-suq waħdu ma setax iżid il-produzzjoni u l-provvista tal-SAF u tal-SAF imħallta li huma vitali għall-futur tas-settur. Madankollu, mid-dħul fis-seħħ ta' ReFuelEU Aviation f'Novembru 2023, il-kapaċitajiet previsti tal-produzzjoni, tat-taħlit u tal-provvista tal-UE għall-bijofjuwils tal-avjazzjoni żdiedu malajr, u laħqu livelli oħħla mis-sehem minimu obbligatorju tat-taħlit tal-SAF għall-bijofjuwils tal-avjazzjoni li għandhom jiġu fornuti sal-2030. Dan jippermetti perspettiva kufidenti kawta fir-rigward tal-kisba tal-miri uniformi tal-UE sal-2034 għal dawn il-fjuwils. Kif muri f'rapport reċenti ppubblikat mill-Aġenzija tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni tal-Unjoni Ewropea (EASA, European Union Aviation Safety Agency) dwar l-istat tas-suq tal-SAF tal-UE, il-kapaċità tal-produzzjoni tal-SAF fl-UE laħqet madwar 1,2 Mt fl-2024. Għar-referenza, 2 % tal-konsum totali ta' fjuwil tal-avjazzjoni fl-ajruporti tal-Unjoni fl-2025 huwa mistenni li jkun ekwivalenti għal madwar 0,9 Mt. L-analiżi tal-EASA tal-proġetti ta' produzzjoni eżistenti u mħabbra b'rabta mal-SAF tal-UE turi wkoll li, f'xenarju realistiku, il-kapaċità tal-produzzjoni tal-SAF tal-UE fl-2030 għandha tammonta għal 3,2 Mt. Madankollu, il-kapaċità tal-produzzjoni tal-bijofjuwils avvanzati fl-UE tibqa' limitata. Kif muri f'rapport reċenti ppubblikat mid-DG RTD<sup>21</sup>, il-bażi ta' materja prima għall-materjali linjoċcelluložiċi, użata fil-produzzjoni tal-bijofjuwils avvanzati, hija sostanzjalment usa' minn dik għaż-żejt tat-tisjir użat. Għalhekk, l-avvanz tat-teknoloġiji li jiproċċessaw il-materjali linjoċcelluložiċi sal-maturità tas-suq huwa kritiku għall-kisba ta' volumi għoljin ta' produzzjoni tal-bijofjuwils fil-futur.

Tibqa' inċertezza akbar dwar il-livell ta' investimenti tal-produtturi tal-fjuwil tal-avjazzjoni fl-impjanti tal-produzzjoni tal-fjuwil tal-avjazzjoni sintetiku fl-UE biex tiġi żgurata l-kisba tas-sehem minimu ddedikat (0,7 %) u s-sehem medju ddedikat (1,2 %) tagħhom bejn l-2030 u l-2032. Is-suq tal-SAF qed jevolvi malajr, u l-produtturi tal-fjuwil tal-avjazzjoni bbażati fl-UE ħabbru proġetti li għandhom kapaċità ppjanata suffiċjenti biex ikunu jistgħu jissodisfaw l-obbligi tagħhom fir-rigward tal-fjuwils tal-avjazzjoni sintetiċi f'ReFuelEU Aviation sal-2034. Madankollu, fiż-żmien ta' din il-Komunikazzjoni, l-ebda wieħed mill-proġetti mħabbra għadu ma kiseb deċiżjoni finali dwar l-investimenti. Madankollu, għad hemm bizzżejjed żmien biex dawk l-impjanti jsiru operattivi u ħafna operaturi ekonomiċi differenti qed jiddiskutu l-kwistjoni b'mod attiv. Ikun prematur li jiġi konkluż li hemm skarsezza possibbli fir-rigward tas-submira tal-fjuwil tal-avjazzjoni sintetiku għall-2030–2032. Dan is-segment tas-suq jeħtieġ monitoraġġ mill-qrib u appoġġ ulterjuri possibbli

<sup>20</sup> L-Aġenzija tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni tal-Unjoni Ewropea (EASA), *State of the EU SAF market in 2023* - <https://www.easa.europa.eu/en/domains/environment/refueleu-aviation/eu-saf-market-report>.

<sup>21</sup> DG RTD, *Development of outlook for the necessary means to build industrial capacity for drop-in advanced biofuels*, 2024 - <https://op.europa.eu/mt/publication-detail/-/publication/b1c97235-c4c3-11ee-95d9-01aa75ed71a1>.

fil-kuntest tal-Patt għal Industrija Nadifa u tal-Pjan ta' Investiment għat-Trasport Sostenibbli mħabba.

Ir-rapport tal-EASA bit-titolu *State of the EU SAF market in 2023* jenfasizza konċentrazzjoni ġeografika notevoli tal-faċilitajiet tal-produzzjoni tal-SAF tal-UE f'reġjuni u Stati Membri speċifiċi f'dan l-istadju bikri. Dan jikkuntrasta man-natura aktar mifruxa tar-raffineriji konvenzjonali. In-Netherlands għandhom l-akbar kapaċità tal-produzzjoni mħabba sal-2030 b'madwar 1,6 Mt ta' SAF prodotti kull sena. Spanja, Franza, il-Finlandja u l-Iż-zevja għandhom diversi faċilitajiet ippjanati u li qed jinbnew li jużaw perkorsi tal-produzzjoni differenti. Min-naħħa l-oħra, ħafna Stati Membri tal-Ewropa Ċentrali u tal-Lvant (eż. il-Bulgarija, il-Latvja u l-Ungerijsa) bħalissa ma għandhom l-ebda kapaċità tal-produzzjoni tal-SAF, kemm jekk digħi operattiva kif ukoll sempliċiment imħabba. Bħalissa, 12-il Stat Membru għandhom kapaċità tal-produzzjoni tal-SAF operattiva jew imħabba. Dawn huma kollha fost il-21 Stat Membru li għandhom kapaċità tar-raffinar tal-fjuwil tal-avjazzjoni konvenzjonali. Din id-disparità bejn l-Istati Membri tal-Punent u tal-Lvant hija saħansitra aktar evidenti fil-każ ta' inizjattivi għall-produzzjoni tal-fjuwil tal-avjazzjoni sintetiku<sup>22</sup>. Il-proġetti mħabba għall-produzzjoni tal-fjuwil tal-avjazzjoni sintetiku jinsabu kollha fid-Danimarka, fi Franza, fil-Ġermanja, fin-Netherlands, fil-Portugall, fi Spanja u fl-Iż-zevja. Żviluppi ulterjuri fil-kapaċità tal-produzzjoni tal-SAF tal-UE se jiġu riflessi fir-rapporti tekniċi annwali tal-EASA meħtieġa skont l-Artikolu 13 ta' ReFuelEU Aviation.

Il-varjazzjoni fil-kapaċitajiet tal-produzzjoni tal-SAF eżistenti tal-Istati Membri tista' tīgi attribwita għal firxa ta' fatturi, inkluż id-disponibbiltà attwali ta' ċerta materja prima (eż. żejt tat-tisijir użat, residwi mill-forestrija u elettriku rinnovabbi) u l-kompetittività tal-prezzijiet tagħhom kif ukoll l-ambjent ta' investiment f'kull Stat Membru. Konsegwentement, u abbażi tal-avviżi li saru sa issa, ix-xenarju tal-produzzjoni tal-SAF fl-istadji bikrija tal-implementazzjoni ta' ReFuelEU Aviation u sad-data ta' dan ir-rapport ivarja b'mod konsiderevoli madwar l-UE u jvarja mix-xenarju tal-produzzjoni tal-fjuwil tal-avjazzjoni konvenzjonali. Madankollu, il-fatt li x-xenarju tal-produzzjoni tal-SAF jidher saħansitra aktar ikkonċentrat mill-produzzjoni tal-fjuwils tal-avjazzjoni konvenzjonali fl-UE muwiex kawża għal tħassib *per se*. Illum, is-27 Stat Membru huma fornuti bi fjuwils tal-avjazzjoni konvenzjonali, anke dawk mingħajr kapaċità tar-raffinar, u s-suq tal-SAF għadu fl-istadji bikrija tiegħu.

Minkejja l-konċentrazzjoni ġeografika tal-faċilitajiet tal-produzzjoni tal-SAF f'xi Stati Membri, is-sejbiet mill-Istħarriġ dwar l-Ajrūporti mwettaq minn Guidehouse jindikaw li l-SAF imħallta digħi qed jiġu fornuti lil żona ġeografika usa'. Barra minn hekk, proporzjon sostanzjali tal-ajrūporti mistħarrġa li bħalissa ma għandhomx offerta ta' SAF imħallta qed jippjanaw li jagħmluha disponibbli dalwaqt. Din ix-xejra tindika espansjoni sinifikanti mistennija tal-ambitu ġeografiku tal-provvista tal-SAF imħallta fis-snin li ġejjin, f'konformità mal-ambitu ġeografiku ta' ReFuelEU Aviation. Dan juri wkoll l-istat ta' tħejjija tal-industrija u b'mod partikolari l-involvement tal-korpi ta' amministrazzjoni tal-ajrūporti fid-dekarbonizzazzjoni tal-avjazzjoni.

---

<sup>22</sup> Transport & Environment (T&E), *E-fuels for planes: with 45 projects, is the EU on track to meet its targets*, 2024 - <https://www.transportenvironment.org/articles/e-fuels-for-planes-with-45-projects-is-the-eu-on-track-to-meet-its-targets>.

L-SAF imħallta u l-fjuwil tal-avjazzjoni konvenzjonali għandhom perkorsi differenti ta' akkwist u ta' produzzjoni tal-materja prima, iżda għandhom l-istess ktajjen tal-provvista. Kif imsemmi hawn fuq, l-SAF iridu jitħalltu ma' fjuwil tal-avjazzjoni konvenzjonali sabiex jissodisfaw ir-rekwiżiti tat-taħlit ASTM D7566 u jridu jiġu ddikjarati bħala Jet A-1. Minħabba raġunijiet ta' sikurezza<sup>23</sup> u tħlief għal volumi żgħar, DefStan 91-091<sup>24</sup> bħalissa jirrakkomanda li t-taħlit iseħħ upstream mill-maħżeen tal-fjuwil fl-ajruport. Hekk kif l-industrija tal-SAF tikber, l-infrastruttura tat-taħlit probabbilment se tiżviluppa f'sinerġija man-network tal-infrastruttura kumpless ħafna eżistenti għall-fjuwil tal-avjazzjoni konvenzjonali. Dan jista' jkun suġġett għal aktar riċerka.

Ladarba jitħalltu u jiġu ċċertifikati, l-SAF imħallta jistgħu jużaw l-istess infrastruttura ta' distribuzzjoni tal-fjuwil tal-avjazzjoni konvenzjonali. Dan jinkludi mhux biss it-trasport bil-baħar u bit-trakkijiet iżda wkoll l-infrastruttura interkonnessa kif definita mir-Regolament ta' Implementazzjoni (UE) 2022/996<sup>25</sup>, li tippermetti li l-fjuwils likwidji jiġi ttrasportati permezz ta' networks ta' pipelines (eż. is-sistema tal-pipelines tal-Ewropa ċentrali (CEPS, Central Europe Pipeline System) tan-NATO<sup>26</sup> u s-sistema tal-pipelines Exolm<sup>27</sup>) bl-użu ta' approċċ ta' distribuzzjoni tal-bilanċ tal-massa<sup>28</sup>. L-infrastruttura interkonnessa sejkollha rwol kruċjali fid-distribuzzjoni tal-SAF imħallta. Il-fatt li sehem kbir mis-suq intern tal-avjazzjoni bħalissa huwa fornuta permezz ta' network ta' pipelines jagħmel l-approċċ tal-bilanċ tal-massa mod effiċċienti ħafna u kosteffettiv biex jiġi żgurat li l-SAF imħallta jkunu jistgħu jilħqu ħafna ajruporti li bħalissa huma lil hinn miċ-ċentri l-kbar u l-maniġers tal-infrastruttura tal-fjuwil ma għandhomx joħolqu ostakli amministrattivi, proċedurali jew ta' kwalunkwe tip ieħor għad-dħul biex jagħmlu aktar diffiċċi jew jipprevvju l-provvista tal-SAF imħallta permezz tal-infrastruttura interkonnessa tagħhom (eż. pipeline tal-fjuwil). Kemm l-obbligu li jfornu lill-ajruporti kollha tal-Unjoni fiżikament b'SAF imħallta sal-2035 kif ukoll il-possibbiltà ċara għal ajruporti u operaturi tal-ingienji tal-ajru oħra li jagħżlu li jinkludu ruħħom fil-kamp ta' applikazzjoni ta' ReFuelEU Aviation jipprovdu lill-produtturi u lill-fornituri tal-fjuwil tal-avjazzjoni biċ-ċertezza legali u ż-żmien meħtieġa biex jiżguraw il-forniment tal-SAF imħallta minnflokk fjuwils tal-avjazzjoni konvenzjonali fin-networks attwali kollha tagħhom.

## 2.2.2 Mīzuri ta' appoġġ

Minbarra ċ-ċertezza regolatorja pprovduta bl-adozzjoni ta' ReFuelEU Aviation, il-Kummissjoni stabbiliet diversi mīzuri ta' appoġġ (deskritti hawn taħt) biex jgħinu d-disponibbiltà tal-SAF fl-UE u barra minnha tiżdied; jitneħħa r-riskju mill-investimenti fil-produzzjoni tal-SAF fl-UE; u jitnaqqas id-distakk fil-prezzijiet bejn l-SAF u l-fjuwil tal-avjazzjoni konvenzjonali.

<sup>23</sup> It-taħlit tal-SAF mal-kerosin fossili jeħtieġ persunal imħarreġ u faċilitajiet iddedikati. Li l-pass tat-taħlit isir barra mill-ajruport jillimita r-riskju li l-fjuwils mhux skont l-ispeċifikazzjonijiet jidħlu f'inġenju tal-ajru.

<sup>24</sup> DEF STAN 91-091 <https://www.jig.org/documents/defstan-91-091-issue-15/>

<sup>25</sup> [https://eur-lex.europa.eu/eli/reg\\_impl/2022/996/oj](https://eur-lex.europa.eu/eli/reg_impl/2022/996/oj)

<sup>26</sup> [https://www.nato.int/cps/en/natohq/topics\\_49151.htm](https://www.nato.int/cps/en/natohq/topics_49151.htm)

<sup>27</sup> <https://exolm.com/en/>

<sup>28</sup> L-Artikolu 30 tal-RED.

Ir-Regolament (UE) 2024/1735 (l-Att dwar l-Industrija b'Emissjonijiet Żero Netti<sup>29</sup>) jelenka l-fjuwils alternattivi sostenibbli, li jinkludu kemm il-fjuwils tal-avjazzjoni kif ukoll dawk marittimi sostenibbli) fost it-teknoloġiji b'emissjonijiet żero netti. L-Att dwar l-Industrija b'Emissjonijiet Żero Netti (NZIA, Net-Zero Industry Act) joħloq qafas regolatorju biex jagħti spinta lill-kompetittivitā tal-industrija tal-UE u biex javvanza t-teknoloġiji kruċjali għad-dekarbonizzazzjoni filwaqt li jiżgura reżiljenza strateġika. Barra minn hekk, l-Alleanza Industrijali tal-Katina tal-Valur tal-Fjuwils Rinnovabbli u b'Livell Baxx ta' Emissjonijiet tal-Karbonju (RLCF, Renewable and Low-Carbon Fuels)<sup>30</sup> inħolqot mill-Kummissjoni flimkien mas-ħab tal-industrija biex tavvanza l-produzzjoni u l-provvista tal-fjuwils rinnovabbli u b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju fis-setturi tal-avjazzjoni u tat-trasport fuq l-ilma. Fl-2024, l-Alleanza nediet ir-riżerva ta' proġetti<sup>31</sup> tagħha biex tgħin lill-industrija tistabbilixxi relazzjoni mas-ħab upstream u downstream kif ukoll ma' forniture potenzjali tal-finanzjament.

Kemm Orizzont Ewropa kif ukoll il-Fond għall-Innovazzjoni pprovdew għotjiet biex jappoġġaw il-maturità tat-teknoloġija tal-SAF. Sa issa, ġew iffinanzjati 73 proġett relatati mal-fjuwils tal-avjazzjoni sostenibbli fl-ambitu ta' Orizzont Ewropa b'baġit ta' madwar EUR 400 miljun. Minn dawn, 37 proġett u EUR 210 miljun huma direttament relatati mal-prodott finali tal-fjuwil tal-avjazzjoni. Il-Fond għall-Innovazzjoni digħi ta aktar minn EUR 206 miljun lil żewġ proġetti li jiproduċu l-fjuwils tal-avjazzjoni sostenibbli, b'wieħed minnhom jiffoka fuq il-produzzjoni tal-fjuwil tal-avjazzjoni sintetiku.

L-UE tappoġġa wkoll l-użu tal-SAF permezz ta' finanzjament imħallat. Il-Bank Ewropew tal-Investiment (BEI) qed jipprovi self ta' EUR 120 miljun lil Repsol biex tappoġġa l-kostruzzjoni u l-operat ta' impjant tal-produzzjoni tal-bijofjuwils avvanzati fi Spanja<sup>32</sup>. Il-bank iffirma wkoll, bl-appoġġ tal-programm InvestEU, ftehim ta' self ta' EUR 285 miljun ma' Moeve għall-kostruzzjoni ta' impjant ieħor tal-bijofjuwils avvanzati fi Spanja<sup>33</sup>. Barra minn hekk, l-SAF huma eliġibbli fl-ambitu tas-ħubija UE-Catalyst. Din is-ħubija pubblika-privata, li tlaqqa' flimkien il-Kummissjoni, il-BEI u Breakthrough Energy Catalyst, qed tippjana li timmobilizza sa EUR 840 miljun bejn l-2023 u l-2026 biex taċċellera l-użu ta' teknoloġiji innovattivi, li se jgħinu biex jintlaħqu l-ambizzjonijiet tal-Patt Ekoloġiku Ewropew, u biex tikkummerċjalizzahom malajr<sup>34</sup>.

L-idroġenu jista' jintuża direttament bħala fjuwil sostenibbli f'ingeni tal-ajru b'emissjonijiet żero jew bħala materja prima fil-produzzjoni tal-SAF, b'mod partikolari ta' fjuwils tal-avjazzjoni sintetiċi iżda huwa wkoll komponent elementari tat-tranżizzjoni tas-sistema tal-enerġija. L-investiment fir-riċerka u l-innovazzjoni (R&I) għall-idroġenu huwa għalhekk proporzjonalment oħla. L-UE, permezz tat-tliet programmi l-aktar reċenti tar-R&I, bdiet 776 proġett relatati mat-

<sup>29</sup> [https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=OJ:L\\_202401735](https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=OJ:L_202401735)

<sup>30</sup> [https://transport.ec.europa.eu/transport-themes/clean-transport/alternative-fuels-sustainable-mobility-europe/renewable-and-low-carbon-fuels-value-chain-industrial-alliance\\_en](https://transport.ec.europa.eu/transport-themes/clean-transport/alternative-fuels-sustainable-mobility-europe/renewable-and-low-carbon-fuels-value-chain-industrial-alliance_en)

<sup>31</sup> [https://rlcf-alliance-platform.converve.io/pipeline\\_front.html](https://rlcf-alliance-platform.converve.io/pipeline_front.html)

<sup>32</sup> <https://www.eib.org/en/press/all/2022-551-repsol-and-the-eib-sign-a-eur-120m-loan-agreement-to-finance-the-first-advanced-biofuels-plant-in-spain>

<sup>33</sup> <https://www.eib.org/en/press/all/2024-227-eib-and-cepsa-sign-eur285-million-loan-to-finance-the-construction-of-a-second-generation-biofuels-plant-in-spain>

<sup>34</sup> [https://ec.europa.eu/commission/presscorner/detail/mt/qanda\\_21\\_5647](https://ec.europa.eu/commission/presscorner/detail/mt/qanda_21_5647)

teknoloġija tal-idroġenu mill-2007 b'aktar minn EUR 2,9 biljun allokat. Żieda qawwija fl-ammont ta' appoġġ ipprovdut ġiet osservata fl-2023<sup>35</sup>.

L-appoġġ finanzjarju pprovdut skont id-Direttiva 2003/87/KE (EU ETS)<sup>36</sup> permezz tal-klassifikazzjoni żero<sup>37</sup> tal-SAF u l-appoġġ addizzjonali għall-ippumpjar tal-fjuwils eliġibbli<sup>38</sup> jgħin biex titnaqqas id-differenza fil-prezz bejn il-fjuwils tal-avjazzjoni konvenzjonali u l-SAF għall-operaturi tal-ingienji tal-ajru. 20 miljun kwota (EUR 1,6 biljun bi prezz tal-kwoti ta' EUR 80) ġew riżervati biex ikopru parti mid-diskrepanza, jew id-diskrepanza kollha, fil-prezzijiet bejn il-fjuwils fossili konvenzjonali u l-fjuwils tal-avjazzjoni alternattivi eliġibbli ppumpjati minn Jannar 2024. Importanti li wieħed jinnota li se jiġu appoġġati biss il-fjuwils użati fuq titjuriet koperti mill-obbligu ta' konformità tal-ETS<sup>39</sup>.

Il-Kummissjoni tipprovdi wkoll appoġġ tekniku dwar il-produzzjoni tal-SAF lill-Istati Membri permezz tal-Instrument ta' Appoġġ Tekniku (TSI, Technical Support Instrument). Pereżempju, fuq talba tagħhom, l-Estonja u l-Latvja se jirċievu appoġġ tekniku biex itejbu l-kapaċitajiet industrijal tal-SAF, inkluż permezz ta' studju tal-fattibbiltà tal-SAF, rakkmandazzjonijiet ta' politika u bini ta' sensibilizzazzjoni. Il-Kummissjoni lesta li tipprovdi aktar appoġġ tekniku lill-Istati Membri għall-ħolqien, l-iżvilupp u l-implementazzjoni ta' riformi lejn mobbiltà sikura, intelliġenti u sostenibbli.

Barra minn hekk, l-UE tappoġġa l-produzzjoni tal-SAF fil-livell dinji. Għal dan l-għan, l-UE qed tiprovd EUR 4 miljun f'appoġġ finanzjarju għal studji tal-fattibbiltà u l-bini tal-kapaċità f'14-il stat Afrikan u fl-Indja, bħala parti mill-programm ACT-SAF implimentat mal-ICAO u l-EASA. L-UE ddeżinjat l-SAF bħala l-inizjattiva ewlenija ta' Global Gateway tal-2024 biex tappoġġa l-iżvilupp, il-produzzjoni, u l-użu ta' fjuwils tal-avjazzjoni sostenibbli. Il-proġett ACT-SAF huwa l-punt tat-tluq għal din l-inizjattiva ewlenija, u għaddejja ħidma biex tkompli tiġi operazzjonalizzata l-inizjattiva ewlenija SAF b'attivitajiet u proġetti ġodda.

### 2.2.3 Traċċabbiltà tal-SAF

Minħabba n-natura tal-infrastruttura tal-fjuwils tal-avjazzjoni (eż. pipelines u tankijiet tal-ajrūport kondiviżi), huwa diffiċċli li jiġu ttraċċat l-molekuli speċifiċi ta' provvista speċifika mill-mument tal-produzzjoni u sa meta din tasal fl-ingienju tal-ajru. Din il-kwistjoni ta' traċċabbiltà mhijiex unika għat-tħalliet tal-SAF iż-żda hija sfida komuni fil-fjuwils kollha tat-trasport imħallta. Biex tindirizza din l-isfida, l-UE żviluppat il-Bażi tad-Data tal-Unjoni għall-Bijofjuwils<sup>40</sup> (UDB, Union Database for Biofuels), li hija sistema tal-IT stabbilita skont l-Artikolu 31a tal-RED. Dan jippermetti t-traċċar ta' fjuwils rinnovabbli likwid u gassużi u karburanti tal-karbonju riċiklat anke meta jsiru parti minn fjuwil imħallat. Il-UDB tippermetti lill-operaturi ekonomiċi affettwati

<sup>35</sup> Għal iktar informazzjoni: <https://op.europa.eu/en/publication-detail/-/publication/b82ce4e0-d215-11ee-b9d9-01aa75ed71a1/language-en/format-PDF/source-324740593>.

<sup>36</sup> <https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=CELEX%3A02003L0087-20240301>

<sup>37</sup> Inċentiv ta' madwar EUR 250 għal kull tunnellata ta' SAF.

<sup>38</sup> Dan l-appoġġ huwa introdott skont l-Artikolu 3c(6) tad-Direttiva 2003/87/KE (EU ETS). L-għan huwa li titnaqqas id-differenza fil-prezz bejn il-fjuwils tal-avjazzjoni konvenzjonali u l-SAF.

<sup>39</sup> Għal iktar informazzjoni: [https://climate.ec.europa.eu/document/download/9a82627a-8a5c-4419-93de-e5ed2d6248eb\\_en?filename=policy\\_ets\\_allowances\\_for\\_saf\\_en.pdf](https://climate.ec.europa.eu/document/download/9a82627a-8a5c-4419-93de-e5ed2d6248eb_en?filename=policy_ets_allowances_for_saf_en.pdf)

<sup>40</sup> <https://wikis.ec.europa.eu/display/UDBBIS/Union+Database+for+Biofuels+-+Public+wiki>

jiddeċiedu u jivverifikaw kif jitqiesu l-molekuli sostenibbli u fejn ikunu qed jiġu fornuti u użati. Dan se jiżgura t-trasparenza, ir-responsabbiltà, u s-sikurezza tul il-katina tal-provvista sakemm il-prodott jiġi rilaxxat fis-suq bħala fjuwils kompletament sostenibbli jew bħala fjuwils imħallta. F'konformità mal-Artikolu 10 ta' ReFuelEU Aviation, il-volumi kollha tal-SAF fornuti lill-ajruporti tal-Unjoni jridu jiġu rreġistrati fil-UDA mill-fornituri tal-fjuwil tal-avjazzjoni. Aktar estensjonijiet possibbli tal-ambitu tal-UDA biex tiġi pprovduta traċċabbiltà sħiħa tat-tranżazzjonijiet tal-SAF lil hinn mill-punt tal-provvista huma diskussi fil-kapitoli li jmiss ta' dan ir-rapport.

### 3 Il-mekkaniżmu ta' flessibbiltà tal-SAF ta' ReFuelEU Aviation

Sabiex tiġi żgurata l-provvista b'suċċess ta' ishma minimi tal-SAF għas-suq tal-avjazzjoni fil-livell tal-UE filwaqt li anke jiġu evitati n-nuqqasijiet lokali ta' provvista tal-SAF imħallta, ReFuelEU Aviation introduċa mekkaniżmu ta' flessibbiltà tal-SAF għall-2025–2034. Dan il-mekkaniżmu jippermetti lill-fornituri tal-fjuwil tal-avjazzjoni jilħqu s-sehem minimu obbligatorju tal-SAF bħala medja ponderata fuq l-ajruporti kollha tal-Unjoni fejn ifornu l-fjuwil tal-avjazzjoni. Fil-prattika, dan ifisser li l-fornituri tal-fjuwil tal-avjazzjoni jistgħu jfornu fjuwils tal-avjazzjoni li fihom ishma ogħla ta' SAF f'ċerti ajruporti tal-Unjoni (dment li dawn ikunu konformi mar-rekwiżiti ta' taħlit ASTM 7566) biex jikkumpensaw għall-fjuwils tal-avjazzjoni li ma fihomx ishma ta' SAF jew li fihom ishma aktar baxxi ta' SAF f'ajruporti oħra tal-Unjoni – dment li jfornu l-kwantità totali minima tat-taħlita ta' SAF meħtieġa fil-livell tal-UE. Din il-flessibbiltà hija għażla iżda mhux obbligu għall-fornituri tal-fjuwil tal-avjazzjoni. Il-firxa tad-diskrezzjoni tagħhom tinkludi l-ftehimiet kuntrattwali li jistgħu jilħqu mal-operaturi tal-ingħenji tal-ajru biex jiddeċiedu kif l-aħjar jużaw il-flessibbiltà pprovdu. Dan il-mekkaniżmu huwa maħsub biex jipprovd lill-industrija tal-SAF, u speċjalment lill-fornituri tal-fjuwil tal-avjazzjoni, biżżejjed żmien biex iżidu l-kapaċitā tal-produzzjoni u tal-provvista, filwaqt li anke jippermetti lill-fornituri tal-fjuwil tal-avjazzjoni jiissodisfaw l-obbligi tagħhom b'mod kosteffettiv, mingħajr ma titnaqqas l-ambizzjoni ambjentali kumplessiva ta' ReFuelEU Aviation. Madankollu, dan jista' jċaħħad lil xi ajruporti li mhumiex fornuti b'SAF imħallta mill-effetti pożittivi tal-użu tagħhom fuq il-kwalitā tal-arja lokali. Barra minn hekk, il-mekkaniżmu jagħmilha eħsef għall-korpi ta' amministrazzjoni tal-ajruporti tal-Unjoni, għall-fornituri tal-fjuwil tal-avjazzjoni u għall-operaturi tal-ingħenji tal-ajru biex jagħmlu l-investimenti teknoloġiċi u loġistiċi fil-katina tal-provvista li huma meħtieġa biex tiġi żgurata l-konformità mal-ishma minimi sal-2035 f'kull ajruport tal-Unjoni – speċjalment minħabba li l-fjuwil tal-avjazzjoni kollu fornut lill-ajruporti tal-Unjoni sa dak iż-żmien irid ikun fjuwils tal-avjazzjoni mħallta b'sehem minimu obbligatorju sinifikanti ta' SAF.

Il-livell ta' flessibbiltà pprovdu lill-fornituri tal-fjuwil tal-avjazzjoni skont il-mekkaniżmu ta' flessibbiltà tal-SAF jiddependi wkoll fuq l-interpretazzjoni tad-definizzjoni ta' "fornitur tal-fjuwil" fil-leġiżlazzjoni nazzjonali li tittrasponi l-RED, li fuqha tiddeppendi d-definizzjoni ta' fornitur tal-fjuwil tal-avjazzjoni ta' ReFuelEU Aviation. Kull Stat Membru huwa responsabbi biex jidtegħi l-fornituri tal-fjuwil tal-avjazzjoni u u biex jiżgura l-konformità tagħhom mar-rekwiżiti tal-RED u ta' ReFuelEU Aviation. Is-servizzi tal-Kummissjoni wettqu konsultazzjonijiet estensivi mal-Istati Membri dwar din il-kwistjoni fil-qafas tal-implimentazzjoni ta' ReFuelEU Aviation. Dawn il-konsultazzjonijiet żvelaw li l-fornituri tal-fjuwil tal-avjazzjoni huma primarjament definiti fil-livell tal-Istati Membri u joperaw b'mod predominant fil-ġuriżdizzjoniżiet rispettivi tagħhom (għalkemm ftit joperaw f'żewġ Stati Membri jew aktar). Is-servizzi tal-Kummissjoni ġew infurmati li r-regoli fiskali xi drabi jistgħu saħansitra jirrikjedu li l-fornituri tal-fjuwil tal-avjazzjoni jkollhom residenza fiskali fi Stat Membru partikolari sabiex joperaw fit-territorju tiegħu. Dan jobbligahom joperaw permezz ta' impriża sussidjarja nazzjonali separata f'dak l-Istat Membru. Is-servizzi tal-Kummissjoni se jeżaminaw din il-kwistjoni mill-qrib u se jiżguraw li kull rekwiżit fiskali jikkonforma mal-libertà tal-istabbiliment. ReFuelEU Aviation jippermetti lill-fornituri tal-fjuwil tal-avjazzjoni joperaw f'diversi Stati Membri taħt l-istess entità legali.

ReFuelEU Aviation ma jwaqqafx lill-fornituri tal-fjuwil tal-avjazzjoni b'diffikultajiet biex jissodisfaw l-obbligi tagħhom milli jikkoordinaw ma' fornituri oħra tal-fjuwil tal-avjazzjoni li jistgħu jkunu eċċedew l-obbligi tagħhom. Tali koordinazzjoni tista' tippermetti lil dawk li jibbenefikaw minn eċċess ta' SAF imħallta f'ajruporti partikolari tal-Unjoni li jforġu SAF imħallta f'isem dawk li qed jiffacċċaw diffikultajiet. Madankollu, dan ikun jirrikjedi ristrutturar tas-suq tal-fornituri tal-fjuwil tal-avjazzjoni tal-UE u tali koordinazzjoni bħalissa tista' titwaqqaf mil-leġiżlazzjoni nazzjonali jew minn ftehimiet fit-tul bejn il-fornituri tal-fjuwil tal-avjazzjoni u l-korpi ta' amministrazzjoni tal-ajruporti tal-Unjoni.

Minkejja l-possibbiltà offruta mill-mekkaniżmu ta' flessibbiltà tranzizzjonal, il-fornituri tal-fjuwil tal-avjazzjoni ma esprimew l-ebda intenzjoni li jikkonċentraw il-provvista tal-SAF imħallta f'għadd limitat ta' ajruporti tal-Unjoni. Għall-kuntrarju, ir-regoli u l-kundizzjonijiet stabbiliti għall-operaturi tal-ingienji tal-ajru meta jitkolbu l-użu tal-SAF fl-EU ETS ifissru li hemm incenliv akbar fuq in-naħħa tad-domanda għall-biċċa l-kbira tal-ajruporti tal-Unjoni, jekk mhux għalihom kollha, li jiġu fornuti b'SAF imħallta malajr kemm jista' jkun. Dan l-interess fil-forniment ta' kemm jista' jkun ajruporti jiżdied bil-fatt li l-infrastruttura għall-ktajjen tal-provvista kemm tal-fjuwils tal-avjazzjoni imħallta kif ukoll dawk mhux imħallta hija kondiviża, speċjalment matul l-aħħar stadju tal-katina tal-provvista għall-ajruporti tal-UE. Barra minn hekk, u kif imsemmi fil-kapitolu preċedenti, l-użu tal-approċċ tal-bilanċ tal-massa għad-distribuzzjoni tal-SAF imħallta permezz ta' infrastruttura interkonnessa jippermetti lill-fornituri tal-fjuwil tal-avjazzjoni jilħqu sehem kbir ta' ajruporti tal-Unjoni b'mod effiċjenti, kosteffettiv u mingħajr ebda kost addizzjonali marbut mal-infrastruttura.

Dawn il-karatteristiċi kollha tas-suq jirrestrinġu b'mod konsiderevoli l-opportunitajiet biex tīgħi kkonċentrata ġeografikament il-provvista tal-SAF imħallta f'għadd inqas ta' ajruporti tal-Unjoni u huwa mistenni li l-SAF imħallta jiġu fornuti f'mill-inqas ajruport wieħed tal-Unjoni f'kull Stat Membru sal-bidu tal-applikazzjoni tal-obbligi fir-rigward tal-provvista fl-2025. Dawn jindikaw ukoll firxa aktar rapida ta' SAF imħallta f'konformità mal-ishma minimi ta' SAF meħtieġa f'ReFuelEU Aviation. Il-perjodu ta' flessibbiltà ta' 10 snin huwa ħafna itwal mill-perjodu ta' 5 snin inizjalment propost mill-Kummissjoni. Dan il-fattur – flimkien mal-karatteristiċi tas-suq u r-rieda murija mill-partijiet ikkonċernati kollha li jiffaċċilitaw il-provvista tal-SAF imħallta – jissuġġerixxi li l-mekkaniżmu ta' flessibbiltà ta' ReFuelEU Aviation bħalissa jipprovi lill-fornituri tal-fjuwil tal-avjazzjoni biżżejjed flessibbiltà biex jissodisfaw l-obbligi tagħhom. L-impenn tal-investituri pubbliċi u privati u tal-produtturi tal-fjuwil tal-avjazzjoni biex iħaffu l-produzzjoni tal-fjuwils tal-avjazzjoni sintetiċi fl-UE jibqa' kruċjali biex jintlaħaq dan l-għan.

## 4 Objettivi u pożizzjonijiet tal-industrija dwar titjib possibbli u miżuri addizzjonali għall-mekkaniżmu ta' flessibbiltà tal-SAF

L-Artikolu 15(2) ta' ReFuelEU Aviation jirrikjedi li l-Kummissjoni tivvaluta titjib possibbli jew miżuri addizzjonali fir-rigward tal-mekkaniżmu ta' flessibbiltà eżistenti tal-SAF, u tirrapporta dwarhom, bil-ħsieb li jiġu ffaċilitati aktar il-provvista u l-użu tal-SAF matul il-perjodu ta' flessibbiltà ta' 10 snin.

L-Artikolu huwa differenti mill-kamp ta' applikazzjoni ta' ReFuelEU Aviation f'mill-inqas tliet aspetti:

- L-ewwel nett, dan jirrikjedi li l-Kummissjoni tirrifletti u tirrapporta dwar in-negożjabbiltà tal-SAF iżda mhux dwar in-negożjabbiltà tal-fjuwil tal-avjazzjoni li fih ishma ta' SAF (jiġifieri SAF imħallta) – kif inhu l-każ għall-obbligi fir-rigward tal-provvista.
- It-tieni, dan il-proċess ta' riflessjoni jrid ikopri l-għażla ta' “l-istabbiliment jew ir-rikonoxximent ta' sistema ta' negożjabbiltà tal-SAF biex tippermetti l-provvista tal-fjuwil fl-UE mingħajr ma tkun fiżikament konnessa ma’ sit tal-provvista”. Fi kliem ieħor, din tkun sistema ta' negożjabbiltà għaċ-ċertifikati ta' sostenibbiltà tal-SAF li tista’ tīgħi dżiżakkoppjata mit-träċċabbiltà tal-molekuli fiziċċi tal-SAF relatati tagħhom.
- It-tielet, dan jirrikjedi li l-Kummissjoni tirrifletti dwar kif tali sistema “tista’ tippermetti lill-operaturi tal-ingħenji tal-ajru jew lill-fornituri tal-fjuwil, jew lit-tnejn li huma, jixtru l-SAF permezz ta’ arranġamenti kuntrattwali mal-fornituri tal-fjuwil tal-avjazzjoni u jitkolbu l-użu tal-SAF fl-ajru tal-Unjoni”. Il-Kummissjoni hija meħtieġa tqis il-kapaċità tal-operaturi tal-ingħenji tal-ajru li jitkolbu l-użu tal-SAF, minkejja li mħumiex obbligati jużaw ishma minimi ta' SAF skont dan ir-Regolament.

Ta’ min jinnota li, skont id-dritt tal-UE, kull kwantità ta’ SAF tista’ tintalab għal skopijiet differenti minn operaturi ekonomiċi differenti. Il-fornituri tal-fjuwil tal-avjazzjoni jistgħu jitkolbu l-provvista tal-SAF għall-finijiet ta’ konformità mal-obbligi tagħihom skont ReFuelEU Aviation u biex jikkontribwixxu għall-miri nazzjonali tal-RED. Id-dritt tal-UE ma jipprevjenix li lott tal-SAF jiġi ċċertifikat fl-ambitu ta’ aktar minn skema ta’ ċertifikazzjoni waħda (eż. RED, fjuwils iċċertifikati mill-CORSIA). L-operaturi tal-ingħenji tal-ajru jistgħu jitkolbu l-użu ta’ kwantità partikolari ta’ SAF fl-ambitu ta’ skema waħda ta’ tnaqqis tal-gassijiet serra, inkluż l-EU ETS u l-CORSIA tal-ICAO. Jistgħu jitkolbu l-istess kwantità ta’ SAF anke fl-ambitu tat-Tassonomija tal-UE jew tat-Tikketta tal-Emissjonijiet tat-Titjira<sup>41</sup>. Madankollu, huwa ta’ importanza kbira għar-robustezza, l-istrettezza u l-akkuratezza tas-suq li fornitur wieħed biss tal-fjuwil tal-avjazzjoni u operatur wieħed biss tal-ingħenji tal-ajru jkunu jistgħu jitkolbu kwalunkwe kwantità partikolari tal-SAF rispettivament.

### 4.1 Objettivi

Kif meħtieġ mill-Artikolu 15(2) ta’ ReFuelEU Aviation, il-Kummissjoni se tivvaluta titjib possibbli u miżuri addizzjonali għall-mekkaniżmu ta’ flessibbiltà tal-SAF esplorati f’dan ir-rapport

<sup>41</sup> Stabbilità fir-Regolament (UE) 2024/3170 - <https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=CELEX:32024R3170>.

bil-ħsieb li tkompli tiffaċilita l-provvista u l-użu tal-SAF matul il-perjodu ta' flessibbiltà. Il-valutazzjoni trid tinkludi l-istabbiliment potenzjali jew ir-rikoxximent ta' sistema ta' negozjabbiltà ta' SAF biex tippermetti l-provvista tal-fjuwil fl-Unjoni mingħajr ma tkun fiżikament konnessa ma' sit tal-provvista.

Il-valutazzjoni trid tqis u tippreserva wkoll l-objettivi differenti ta' ReFuelEU Aviation u tal-mekkaniżmu ta' flessibbiltà tal-SAF, jiġifieri:

- il-preservazzjoni tal-kundizzjonijiet ekwi tas-suq tat-trasport bl-ajru bejn l-operaturi ekonomiċi globalment u madwar l-UE (eż. il-premessa 3);
- iż-żieda fil-produzzjoni, il-forniment u l-użu tal-SAF u tal-SAF imħallta fl-UE f'konformità mal-qafas regolatorju u l-libertà kummerċjali (eż. il-premessa 2);
- il-promozzjoni ta' opportunitajiet industrijal għar-reġjuni kollha tal-UE (eż. il-premessa 47);
- it-tisħiħ tas-sigurtà tal-provvista tal-enerġija tal-UE u t-tnaqqis tad-dipendenza fuq pajjiżi mhux tal-UE (eż. il-premessa 52);
- li l-korpi ta' amministrazzjoni tal-ajruporti, il-fornituri tal-fjuwil tal-avjazzjoni u l-operaturi tal-ingēnji tal-ajru tal-Unjoni jitħallew jagħmlu l-investimenti teknoloġiċi u loġistiċi meħtieġa sabiex jikkonformaw mal-obbligi fir-rigward tal-provvista fiżika fl-ajruporti kollha tal-Unjoni mill-2035 (eż. il-premessa 45);
- il-mitigazzjoni ta' kwalunkwe riskju ta' għadd doppju, użu ħażin jew frodi ta' kwalunkwe tip ta' ċertifikat ta' sostenibbiltà li jakkredita l-produzzjoni u l-użu ta' l-lott partikolari tal-SAF fl-UE (eż. il-premessa 48).

#### 4.2 Pożizzjonijiet tal-industrija

Proċess estensiv ta' konsultazzjoni mal-partijiet ikkonċernati mwettaq minn Guidehouse u mis-servizzi tal-Kummissjoni ppermetta lill-industrija taqsam it-tħassib u l-aspettattivi tagħha rigward l-obbligi li ġejjin skont ReFuelEU Aviation u, b'mod aktar partikolari, rigward il-mekkaniżmu ta' flessibbiltà tal-SAF. Din il-konsultazzjoni għamlitha possibbli li dak li jkun jifhem sew il-pożizzjonijiet varji tal-industrija dwar kwistjonijiet ewlenin. Ġew organizzati żewġ sessjonijiet ta' ħidma mal-partijiet ikkonċernati u saru ħafna laqgħat bilaterali. Barra minn hekk, ħafna assoċjazzjonijiet u organizzazzjonijiet tal-industrija kkondividew id-dokumenti ta' pożizzjoni u ddokumenti tekniċi tagħhom dwar l-implementazzjoni potenzjali ta' mekkaniżmu ta' kontabilità tal-SAF li jista' jippermetti n-negozjar virtwali taċ-ċertifikati tal-SAF bejn l-operaturi rilevanti. Kif enfasizzat fl-istudju ta' sostenn ta' Guidehouse, partijiet differenti tal-industrija (inkluż fl-istess gruppi ta' partijiet ikkonċernati) esprimew tħassib u aspettattivi differenti u xi drabi opposti, b'mod partikolari fir-rigward tal-possibbiltà li jiġi permess in-negozjar virtwali taċ-ċertifikati ta' sostenibbiltà tal-SAF. Il-konsultazzjoni żvelat li ma hemm l-ebda pożizzjoni unifikasi fl-industrija kollha la dwar id-disinn u lanqas dwar il-ħtieġa li tiġi implementata tali sistema ta' mekkaniżmu ta' kontabilità għall-finijiet ta' konformità mal-obbligi attwali marbuta mal-SAF imħallta u tat-talba għall-użu tagħhom skont liggħi oħra tal-UE, bħall-EU ETS.

Ta' min jinnota, madankollu, li hemm kunsens wiesa' fl-industrija kollha rigward żewġ parametri digħi imposti minn ReFuelEU Aviation: (i) kwalunkwe flessibbiltà ulterjuri permezz ta' kwalunkwe tip ta' mekkaniżmu ta' kontabilità tal-SAF tkun rilevanti biss sakemm l-ism-

obbligatorji mħallta tal-SAF jibqgħu baxxi sal-2035; u (ii) mekkaniżmu ta' kontabilità tal-SAF jista' jiġura biss l-istrettezza, ir-robustezza u l-fiduċja meħtieġa kieku kellu jinżamm fil-konfini tat-territorju tal-UE, f'konformità mal-kamp ta' applikazzjoni ta' ReFuelEU Aviation.

Il-kwistjonijiet prinċipali identifikati matul il-konsultazzjoni huma miġbura fil-qosor hawn taħt f'erba' kategoriji:

- kwistjonijiet relatati mad-disponibbiltà tal-SAF imħallta fl-ajruporti tal-Unjoni;
- kwistjonijiet relatati mal-prezz tal-SAF;
- kwistjonijiet relatati mat-trasparenza u r-robustezza tat-talbiet marbuta mas-sostenibbiltà;
- u kwistjonijiet relatati mal-possibbiltà ta' negozjar ta' ċertifikati tal-SAF virtwalment (jew fuq in-naħħa tal-provvista jew kemm fuq in-naħħa tal-provvista kif ukoll fuq in-naħħa tad-domanda).

#### 4.2.1 Disponibbiltà tal-SAF imħallta fl-ajruporti tal-Unjoni

Kif deskritt fil-kapitolu preċedenti, l-introduzzjoni tal-mekkaniżmu ta' flessibbiltà tal-SAF tippermetti lill-fornituri tal-fjuwil tal-avjazzjoni jforġu fjuwil tal-avjazzjoni li jkun fi ħħġa oħla tal-SAF f'ċerti ajruporti tal-Unjoni biex jikkumpensaw għall-provvista ta' fjuwil tal-avjazzjoni bl-ebda sehem jew b'ishma aktar baxxi tal-SAF f'ajruporti oħra tal-Unjoni. L-assoċjazzjonijiet tal-operaturi tal-ingħenji tal-ajru esprimew it-tħassib tagħhom dwar il-konċentrazzjoni ġeografika tal-SAF imħallta fi ftit ajruporti tal-Unjoni biss, bl-argument li dan jista' potenzjalment joħloq distorsjonijiet tal-kompetizzjoni bejn l-operaturi tal-ingħenji tal-ajru, b'mod partikolari minħabba l-impatt ta' tali konċentrazzjoni ġeografika fuq il-kapaċitā tagħhom li jiddekarbonizzaw l-operazzjonijiet tagħhom u fuq il-prezz tal-fjuwil tal-avjazzjoni.

Il-Kummissjoni ssib li r-riskju ta' konċentrazzjoni ġeografika sinifikanti tal-SAF imħallta fi ftit ajruporti tal-Unjoni huwa limitat. L-ewwel nett (kif enfasizzat fil-kapitolu preċedenti), jidher li l-biċċa l-kbira tal-fornituri tal-fjuwil tal-avjazzjoni joperaw biss ġewwa l-fruntieri tal-Istat Membru rispettiv tagħhom, u għalhekk il-possibbiltà ta' konċentrazzjoni ġeografika sinifikanti digħi hija fil-biċċa l-kbira limitata għas-swieq nazzjonali. It-tieni, ħafna korpi ta' amministrazzjoni tal-ajruporti tal-Unjoni kkomunikaw b'mod ċar l-intenzjoni tagħhom li jagħmlu l-SAF imħallta disponibbli fis-snin li ġejjin fil-bini tagħhom. It-tielet, qed jiżviluppaw proġetti għal kapaċitajiet ġodda tal-SAF f'diversi postijiet madwar l-UE u jistgħu jkunu mistennija li jikkontribwixxu għall-ktajjen tal-provvista regionali eżistenti tal-SAF imħallta.

Madankollu, xi operaturi tal-ingħenji tal-ajru esprimew tħassib li l-ġħoti ta' permess għan-negozjar virtwali taċ-ċertifikati tal-SAF permezz ta' mekkaniżmu ta' kontabilità tal-SAF jista' jid ir-rieda tagħhom li jiffirmaw ftehimiet ta' xiri fit-tul mal-produtturi jew mal-fornituri tal-fjuwil tal-avjazzjoni, speċjalment għall-fjuwils tal-avjazzjoni sintetiċi. L-operaturi tal-ingħenji tal-ajru jargumentaw li dan jista' jippermetti lill-produtturi tal-fjuwil jieħdu deċiżjoni finali dwar l-investiment rigward l-ewwel ġenerazzjoni ta' proġetti. Madankollu, il-fatturi li jipprev jenu lill-operaturi tal-ingħenji tal-ajru milli jiffirmaw ftehimiet ta' xiri fit-tul huma multipli u kumplessi. Skont iċ-ċirkostanzi, l-appti tal-operaturi tal-ingħenji tal-ajru li jikkonkludu ftehimiet ta' xiri fit-tul mal-fornituri tal-fjuwil tal-avjazzjoni jista' jkun relata aktar mas-sitwazzjoni finanzjarja tagħhom stess jew mal-pjanijiet kummerċjali u tan-negozju tagħhom għan-networks globali u regionali

tagħhom milli mad-disponibbiltà tal-fjuwil innifsu. Dan jista' jiddependi wkoll fuq il-ftehimiet kummerċjali attwali tagħhom mal-fornituri tal-fjuwil tal-avjazzjoni tagħhom għall-provvista tal-SAF imħallta fin-network tagħhom ta' ajruporti tal-Unjoni sabiex inaqqsu l-kostijiet tagħhom relatati mal-impronta tal-karbonju skont l-EU ETS u l-CORSIA.

Ma hemm l-ebda garanzija li l-ftehimiet ta' xiri fit-tul ikun fihom impenji vinkolanti mill-operaturi tal-ingēnji tal-ajru li jkunu biżżejjed biex jagħmlu l-proġetti marbuta mal-fjuwil tal-avjazzjoni sintetiku aktar bankabbli. Lanqas ma hemm garanzija li l-operaturi tal-ingēnji tal-ajru jiffirmaw ftēhimiet ta' xiri fit-tul semplicejment minħabba li jistgħu jixtru b'mod virtwali ċertifikati tal-SAF – peress li ħafna kunsiderazzjonijiet ekonomiċi u operazzjonali oħra huma ċentrali għal tali deċiżjonijiet, bħal dawk relatati mal-kostijiet għoljin tal-SAF u mal-inċerzezza dwar l-evoluzzjoni tal-prezz tagħhom, iċ-ċaqliq ċiklika tas-suq tal-avjazzjoni u anke l-livell ta' esperjenza tat-timijiet tal-akkwist f'dawk it-tipi ta' fjuwils ġodda. Il-mekkaniżmu għall-aggregazzjoni tad-domanda u tal-provvista għall-idroġenu u d-derivati tiegħu<sup>42</sup> jista' jiffaċilita l-konklużjoni ta' ftēhimiet ta' xiri għal fjuwils tal-avjazzjoni sintetiċi li jkopru l-investiment kollu u l-maturità kummerċjali tal-proġetti. Barra minn hekk, kif eżaminat fl-istudju tal-BEI dwar il-fjuwils likwidli sostenibbli<sup>43</sup>, dawk li jieħdu azzjoni kmieni jiffaċċejaw sfidi relatati mal-kostijiet oħla tal-produzzjoni relatati mal-impjanti fuq skala industrijali li huma l-ewwel tax-xorta tagħhom. Għalhekk, huma meħtieġa azzjonijiet immirati u appoġġ pubbliku biex tiżdied il-bankabbiltà tal-proġetti marbutin mal-SAF u jitneħħa r-riskju mill-investimenti (b'mod partikolari għall-fjuwils tal-avjazzjoni sintetiċi).

L-operaturi tal-ingēnji tal-ajru mhumiex obbligati jagħmlu riforniment bl-SAF imħallta skont ReFuelEU Aviation, u għalhekk in-nuqqas ta' disponibbiltà tal-SAF imħallta f'xi ajruporti tal-Unjoni ma jistax ifixkel il-kompetizzjoni. L-operaturi tal-ingēnji tal-ajru jistgħu jiżguraw l-aċċess tagħhom għall-SAF u juru r-rieda tagħhom li jiddekarbonizzaw l-operazzjonijiet tagħhom permezz ta' impenji kuntrattwali mal-produtturi tal-fjuwil tal-avjazzjoni għal konsenji fis-ċiċi tal-SAF imħallta. Dan jappoġġa ħafna l-iżvilupp tas-suq tal-SAF tal-UE.

#### 4.2.2 Prezzijiet tal-SAF

##### 4.2.2.1 Kostijiet tal-produzzjoni u tat-trasport tal-SAF

Il-prezz tal-SAF jista' jkollu impatt sinifikanti fuq ir-rieda tal-operaturi tal-ingēnji tal-ajru li jużaw l-SAF imħallta – peress li l-kostijiet tal-fjuwil bħalissa jirrappreżentaw bejn 25 % u 30 % tal-kostijiet operazzjonali tagħhom. Fl-2023, l-Aġenziji tar-Rappurtar tal-Prezzijiet (PRA, Price Reporting Agencies) irrapportaw prezz medju ta' EUR 816/tunnellata għall-fjuwil tal-avjazzjoni konvenzjonali fiċ-ċentri tal-Majjistral tal-Ewropa. Fl-2023 ukoll, ġie rrapportat li l-prezz medju tal-bijofjuwils tal-avjazzjoni (eż. l-esteri idrotrattati u l-aċidi grassi (HEFA, hydrotreated esters and fatty acids)) fl-UE kien ta' EUR 2 768/tunnellata. Minħabba n-nuqqas ta' disponibbiltà attwali ta' fjuwils tal-avjazzjoni sintetiċi fis-suq, l-EASA żviluppat u applikat metodoloġija bbażata fuq l-istima tal-kost livellat minn isfel għal fuq tal-produzzjoni biex tiddetermina l-prezz minimu tal-

<sup>42</sup> [https://energy.ec.europa.eu/topics/energy-systems-integration/hydrogen/european-hydrogen-bank/pilot-mechanism-support-market-development-hydrogen\\_en](https://energy.ec.europa.eu/topics/energy-systems-integration/hydrogen/european-hydrogen-bank/pilot-mechanism-support-market-development-hydrogen_en)

<sup>43</sup> [BEI, Financing sustainable liquid fuel projects in Europe: Identifying barriers and overcoming them, 2024 – https://www.eib.org/attachments/lucalli/20240101\\_financing\\_sustainable\\_liquid\\_fuel\\_projects\\_in\\_europe\\_en.pdf](https://www.eib.org/attachments/lucalli/20240101_financing_sustainable_liquid_fuel_projects_in_europe_en.pdf)

bejgħ tal-fjuwil ta' tali fjuwils<sup>44</sup>. Skont is-sors ta' CO<sub>2</sub> użat fil-proċess tal-produzzjoni, il-kost tal-produzzjoni tal-fjuwils tal-avjazzjoni sintetiċi bħalissa huwa stmat li jvarja bejn EUR 6 600/tunnellata u EUR 8 700/tunnellata. Il-firxa għolja tal-prezzijiet hija spjegata mill-ħafna sfidi ffacċċjati mill-produzzjoni ta' tali fjuwils, bħall-kost u d-disponibbiltà ta' elettriku rinnovabbli kif ukoll il-kost u d-disponibbiltà ta' CO<sub>2</sub> eliġibbli.

Meta tissarraf fit-taħlitiet medji meħtieġa fl-2030, il-valutazzjoni tal-impatt<sup>45</sup> għal ReFuelEU Aviation stmat żieda fil-kost tal-fjuwil għall-operaturi tal-ingħenji tal-ajru ta' 3,3 % u żieda konsegwenti fil-prezz tal-biljett ta' inqas minn 1 %. Madankollu, minħabba l-mekkaniżmu ta' flessibbiltà tal-SAF, it-taħlitiet attwali (eż. il-livell ta' SAF imħallta) jistgħu jkunu ħafna ogħla f'xi postijiet u ħafna aktar baxxi (jew saħansitra żero) f'postijiet oħra. Barra minn hekk, il-politiki tal-ipprezzar tal-fornituri tal-fjuwil tal-avjazzjoni jistgħu jvarjaw, bejn il-fornituri u bejn l-ajruporti. F'mandati tal-SAF fil-passat (eż. fi Franzia), qabel ma daħal fis-seħħ ReFuelEU Aviation, ġie osservat li l-fornituri tal-fjuwil tal-avjazzjoni xi drabi jimponu l-istess tariffa tal-primjum medja tal-SAF lill-operaturi kollha tal-ingħenji tal-ajru, irrispettivament minn fejn jiġu fornuti fīziżkament l-SAF imħallta u minn liema operatur tal-ingħenji tal-ajru verament se jirċevihom. Tali strateġija tal-ipprezzar tista' tirriżulta mill-iskarsezza tal-SAF fis-suq u min-nuqqas ta' għoddha ċentralizzata ta' traċċabbiltà, bħall-UDB. Tali distribuzzjoni ta' kostijiet addizzjonali tal-SAF bejn l-operaturi tal-ingħenji tal-ajru kollha hija mistennija li toħloq distorsjonijiet kompetittivi fost l-operaturi tal-ingħenji tal-ajru – speċjalment meta wieħed iqis li l-benefiċċċi tal-użu tal-SAF (eż. il-benefiċċċi tal-EU ETS jew tat-Tikketta tal-Emissjonijiet tat-Titjira) jistgħu jintalbu biss minn dawk li lilhom jiġi kkonsenjat fīziżkament l-SAF. Konsegwenzi simili huma mistennija li jiġu osservati jekk il-fornituri tal-fjuwil tal-avjazzjoni jiddeċiedu li jżidu b'mod artifiċċjali l-prezz tal-fjuwil tal-avjazzjoni konvenzjonali għall-operaturi kollha tal-ingħenji tal-ajru biex inaqqsu d-distakk fil-prezz għal dawk l-operaturi tal-ingħenji tal-ajru fornuti bl-SAF imħallta. Il-prattiki kummerċjali maħsuba biex iżidu b'mod artifiċċjali l-prezz tal-fjuwil tal-avjazzjoni konvenzjonali għall-operaturi kollha tal-ingħenji tal-ajru sabiex jitnaqqas il-piż fuq dawk li jiksbu l-SAF fīziżku – u li jitolbu l-benefiċċċi ekonomiċi marbuta mal-użu tiegħu – ifixklu l-kundizzjonijiet ekwi u għalhekk jammontaw għal prattiki kummerċjali ingħusti. Is-servizzi tal-Kummissjoni se jagħtu attenzjoni partikolarment mill-qrib lil kwalunkwe lment f'dan ir-rigward u se jqisuhom fi kwalunkwe evalwazzjoni u valutazzjoni tal-impatt futuri possibbli ta' ReFuelEU Aviation. Iż-żieda fil-produzzjoni tal-SAF fl-UE flimkien mal-implementazzjoni tal-UDB, li se tittraċċa l-fjuwils eliġibbli skont ReFuelEU Aviation, għandhom jipprevjenu lill-fornituri tal-fjuwil tal-avjazzjoni milli japplikaw strateġiji tal-ipprezzar ingħusti jew distorsivi.

L-operaturi tal-ingħenji tal-ajru spiss esprimew tħassib dwar il-prezzijiet għoljin tal-SAF u l-impatt ta' ReFuelEU Aviation fuq il-kostijiet tal-operat tagħhom. L-iskarsezza tal-SAF fis-suq u l-prezzijiet għoljin tagħhom ġew identifikati b'mod preċiż bħala xprunaturi li ġġustifikaw l-intervent regolatorju ta' ReFuelEU Aviation. L-ġhan ta' ReFuelEU Aviation huwa li jżid il-provvista u l-użu tal-SAF permezz ta' aktar ishma tal-SAF fil-fjuwil tal-avjazzjoni. Kif muri fil-Kapitolu 2, l-obbligi fir-rigward tal-provvista jipprovdu c-ċertezza tas-suq meħtieġa biex jiskattaw kapaċitajiet

<sup>44</sup> EASA, *State of the EU SAF market in 2023, 2024*.

<sup>45</sup> Studju li jappoġġa l-valutazzjoni tal-impatt tal-inizjattiva ReFuelEU Aviation – <https://op.europa.eu/mt/publication-detail/-/publication/46892bd0-0b95-11ec-adb1-01aa75ed71a1>.

ġodda tal-produzzjoni u tal-provvista tal-SAF u jippermettu l-ħolqien ta' suq aktar likwidu għall-SAF. Iż-żieda fl-iskala se twassal għal ekonomiji ta' skala, effiċjenzi tal-produzzjoni u maturità industrijali li huma mistennija jnaqqas l-prezzijiet tal-SAF u konsegwentement il-prezz relattiv tal-SAF imħallta fis-suq kollu tal-UE. ReFuelEU Aviation se jiżgura kundizzjonijiet ekwi fejn kemm l-operaturi tal-ingēnji tal-ajru kif ukoll l-ajruporti tal-Unjoni jkunu jistgħu jikkompetu biex iżommu l-livell it-tajjeb ta' konnettività bi prezziżiet affordabbli għar-reġjuni kollha tal-UE. Barra minn hekk, minbarra li jibbenfika mill-klassifikazzjoni żero tas-CO<sub>2</sub> fl-ambitu tal-EU ETS, sal-2030 l-użu tal-SAF se jibbenfika wkoll mill-20 miljun kwota riżervati għall-ippumpjar tal-fjuwils tal-avjazzjoni eliġibbli li se jgħinu biex is-suq jingħata spinta.

Madankollu, ħafna operaturi tal-ingēnji tal-ajru saħqu li l-ġhoti ta' permess għan-negozjar virtwali taċ-ċertifikati tal-SAF jista' jkompli jnaqqas il-prezzijiet tal-SAF billi jikkonċentra saħansitra aktar il-provvista f'għadd żgħir ta' ajruporti tal-Unjoni u b'hekk jista' jnaqqas il-kostijiet marbuta mal-loġistika. Il-konċentrazzjoni ġeografika tal-provvista tal-SAF tista' potenzjalment tnaqqas il-kostijiet marbuta mat-trasport fi ftit ajruporti tal-Unjoni li jinsabu 'l bogħod minn kwalunkwe faċilità ta' taħlit jew ta' produzzjoni tal-SAF u li ma huma marbuta ma' ebda infrastruttura interkonnessa, iżda huwa probabbli li l-prezzijiet tal-fjuwil tal-avjazzjoni konvenzjonali attwali f'ajruporti bħal dawn digħi huma oħla minħabba sfidi simili marbuta mal-katina tal-provvista. Hija meħtieġa analiżi ulterjuri ta' każiijiet konkreti biex jintwerew l-allegati diffikultajiet miżjud u ż-żidiet fil-kostijiet li tista' tinvolvi provvista tal-SAF imħallta. La l-konsulenti esterni u lanqas is-servizzi tal-Kummissjoni stess ma rnexxielhom jiġbru data li tissostanzja żieda sinifikanti fil-prezz tal-fjuwil attribwibbli għat-trasport tal-SAF. Barra minn hekk, u kif imsemmi fil-Kapitolu 3, ReFuelEU Aviation ma jipprevjenix lill-fornituri tal-fjuwil tal-avjazzjoni li jesperjenzaw diffikultajiet biex jaċċessaw l-SAF imħallta milli jikkoordinaw (sa fejn ikun legalment permissibbli) mal-fornituri tal-fjuwil tal-avjazzjoni li jkollhom aċċess aktar faċli għall-SAF imħallta, sabiex jibbenfika mid-drittijiet rigward il-provvista tagħhom f'ajruporti partikolari tal-Unjoni u jipprovdu l-SAF imħallta minflokhom. Fl-aħħar nett, il-konċentrazzjoni ġeografika ta' SAF imħallta fi ftit ajruporti tal-Unjoni biss tista' tnaqqas ir-ritmu tal-investiment meħtieġ (pereżempju, fl-iżvilupp ta' faċilitajiet ġodda ta' produzzjoni u taħlit tal-SAF madwar l-UE) li jiżgura l-issodisfar tar-rekwiżit ta' ishma imħallta uniformi fl-ajruporti kollha tal-Unjoni mill-2035.

In-negozjar virtwali taċ-ċertifikati ta' sostenibbiltà tal-SAF jista' jwassal għal dinamika ġdida fis-suq fuq in-naħa tad-domanda, iżda mħuwiex ċar jekk dan ikollux xi impatt reali fuq in-naħa tal-produzzjoni f'dan l-istadju bikri. Il-possibbiltà li l-prezzijiet jistgħu jorħsu aktar malajr milli mistenni matul l-ewwel snin tal-obbligi fir-rigward tal-provvista tista' tiskoraġġixxi lill-operaturi tal-ingēnji tal-ajru, li huma sensittivi ħafna għall-kostijiet operazzjonali relatati mal-fjuwil, milli bħalissa jikkonkludu ftehimiet ta' xiri fit-tul, minħabba l-biża' li jsibu ruħhom fi żvantaġġ kompetittiv meta mqabbla ma' dawk li jieħdu azzjoni aktar tard. L-inċerterza rigward il-kostijiet tal-produzzjoni tal-SAF u l-prezzijiet tal-SAF, b'mod partikolari għall-fjuwils tal-avjazzjoni sintetiċi, tidher li ġġorr riskju akbar li twassal għal nuqqas ta' impenn min-naħħa tad-domanda għal involviment f'ftehimiet ta' xiri fit-tul mid-disponibbiltà tal-fjuwils infuħhom sal-2030. F'suq virtwali, l-operaturi tal-ingēnji tal-ajru b'kapaċċità finanzjarja oħla li jiffirmaw ftehimiet ta' xiri fit-tul jistgħu jiżguraw ammonti akbar ta' SAF bi prezziżiet aħjar – filwaqt li operaturi oħra tal-

ingēnji tal-ajru jistgħu jsibuha diffiċli biex iħallsu prezziżiet ogħla għall-SAF li jifdal fis-suq jew jistgħu jkunu obbligati jixtruhom permezz ta' intermedjarji, fil-kuntest attwali tal-SAF u tal-iskarsezza tal-fjuwil tal-avjazzjoni sintetiku.

Fuq in-naħħa tal-provvista – b'mod partikolari iż-żda mhux biss għall-fjuwils tal-avjazzjoni sintetiċi – l-akbar sfida li qed tiffaċċja l-industrija tidher li hija d-dewmien tad-deċiżjonijiet finali dwar l-investiment (FIDs, Final Investment Decisions) għall-proġetti tal-produzzjoni tal-fjuwil relatati mal-isfida tax-xiri aktar milli l-isfida teknika jew teknoloġika. Jidher li l-produtturi tal-fjuwils fossili għadhom qed jagħtu prioritā lill-investimenti fil-qasam inqas riskjuż tat-teknoloġiji attwali ta' fjuwils fossili. Fl-istess ħin, il-produtturi żgħar tal-fjuwil tal-avjazzjoni sintetiku qed isibuha diffiċli biex jespandu l-operazzjonijiet tagħhom minħabba li ma jistgħux isibu investituri lesti li jassumu r-riskji ogħla ta' min jidħol l-ewwel f'suq fejn il-firxa ta' inċertezza dwar il-prezziżiet hija kbira wisq biex tagħmel il-ftehimiet ta' xiri fit-tul attraenti fuq in-naħħa tad-domanda. Barra minn hekk, xi produtturi tal-fjuwils fossili dan l-aħħar waqqfu jew dewmu l-investiment imħabbar pubblikament tagħhom fil-bijofjuwils tal-avjazzjoni. Il-fatt li l-prezz mistenni tal-fjuwils ibbażati fuq l-HEFA jista' jkun biss id-doppju – minflok it-triplu – tal-prezz attwali tal-fjuwil tal-avjazzjoni konvenzjonali (kif xi projezzjonijiet setgħu assumew b'mod żbaljat) seta' kelli impatt fuq id-deċiżjonijiet tagħhom. Raġunijiet possibbi oħra msemmija mill-industrija għad-dewmien fl-ewwel FIDs għal faċilitajiet tal-produzzjoni tal-fjuwil tal-avjazzjoni sintetiku jistgħu jkunu relatati man-nuqqas ta' ċarezza rigward kwalunkwe appoġġ pubbliku possibbi biex jgħin sabiex jitnaqqas ir-riskju tad-deċiżjonijiet ta' dawk li jieħdu azzjoni kmieni fuq in-naħħa tad-domanda u/jew tal-provvista, u l-inċertezza dwar l-iskala tal-iskemi nazzjonali ta' penali li għadhom ma ġewx adottati mill-Istati Membri<sup>46</sup>.

Il-partijiet ikkonċernati ma kinux kapaċi juru kif suq virtwali jista' jgħin biex jissolvew dawn l-ostakli finanzjarji u kummerċjali u kif jista' jistimula l-produzzjoni tal-SAF aktar mill-qafas ta' politika digħi stabbilit. Il-monitoraġġ mill-qrib tas-suq u tal-effettività tal-miżuri ta' appoġġ huwa meħtieġ. Aktar appoġġ pubbliku biex jitneħħa r-riskju tal-investimenti ta' dawk li jidħlu l-ewwel (fuq in-naħħa tad-domanda jew fuq in-naħħa tal-provvista, jew fuq iż-żewġ naħħat) jista' jitqies biex jissolva l-istaġnar attwali fl-investimenti.

#### 4.2.2.2 Pożizzjoni fis-suq tal-fornituri tal-fjuwil tal-avjazzjoni

Diversi operaturi tal-ingēnji tal-ajru esprimew tħassib dwar il-pożizzjoni fis-suq tal-fornituri tal-fjuwil tal-avjazzjoni fl-ajruporti tal-Unjoni u l-kapaċità tagħhom li jimponu ishma ogħla ta' SAF imħallta minn dawk meħtieġa minn ReFuelEU Aviation jew li jimponu prezziżiet ogħla b'mod sinifikanti għall-fjuwils tal-avjazzjoni (bil-provvista ta' taħlilit tal-SAF jew mingħajrhom). Dawn l-operaturi tal-ingēnji tal-ajru jargumentaw li l-livell għoli ta' konċentrazzjoni (u f'xi każiġiet in-natura monopolistika tas-suq tal-fjuwil tal-avjazzjoni) flimkien mal-obbligu legali li jagħmlu riforniment<sup>47</sup> jisfurzawhom f'relazzjonijiet kummerċjali mhux ugħwali mal-fornituri tal-fjuwil tal-

<sup>46</sup> Fin-nuqqas ta' suq tal-fjuwil tal-avjazzjoni sintetiku, il-prezz ipotetiku u l-livell ta' penali għandhom jiġu kkalkulati abbażi ta' stima tal-kostijiet tal-produzzjoni minn isfel għal fuq. Dawn il-kostijiet jistgħu jkunu sa erba' darbiet oħħla, skont is-suppożizzjoni. Dan ifisser li l-investituri għadhom ma jafux xi jkun l-impatt li l-penali jista' verament ikollhom fuq id-deċiżjonijiet finanzjarji.

<sup>47</sup> L-Artikolu 5 ta' ReFuelEU Aviation.

avjazzjoni, li jirriżultaw fi prezziżiet oħħla ta' SAF imħallta. Xi wħud minn dawn l-operaturi tal-ingēnji tal-ajru jaraw l-implimentazzjoni ta' suq virtwali għaċ-ċertifikati ta' sostenibbiltà tal-SAF bħala opportunità biex inaqqsu d-dipendenza attwali tagħhom fuq il-fornituri lokali tal-fjuwil tal-avjazzjoni u b'hekk itejbu l-bilanċ fis-sahħha tan-negozjar bejn iż-żewġ settijiet ta' operaturi ekonomiċi.

Il-Kummissjoni setgħet tiġbor biss informazzjoni indiretta dwar għadd żgħir ta' ajruporti f'żewġ Stati Membri, fejn fornitur wieħed jew tnejn biss tal-fjuwil tal-avjazzjoni jkunu qed joperaw u fejn il-ftehimiet bejn il-korpi ta' amministrazzjoni tal-ajruporti u l-fornituri tal-fjuwil tal-avjazzjoni setgħu wasslu għal sitwazzjoni bħal din. Madankollu, mhuwiex ċar kif mekkaniżmu ta' kontabilità tal-SAF jista' jimmitiga dan it-tħassib – peress li l-operaturi tal-ingēnji tal-ajru fi kwalunkwe każ huma meħtieġa mill-Artikolu 5 ta' ReFuelEU Aviation li jippumpjaw ammont minimu ta' fjuwil tal-avjazzjoni meta jitilqu minn ajruport tal-Unjoni u għalhekk digħi huma meħtieġa jiksbu fjuwils tal-avjazzjoni fiziċċi minn dan l-ajruport. Fi kwalunkwe każ, il-parteċipanti kollha fis-suq (inkluż l-operaturi tal-ingēnji tal-ajru) huma intitolati li jinfurmaw lill-awtoritajiet (eż. il-Kummissjoni u l-awtoritajiet nazzjonali tal-kompetizzjoni u regolatorji) dwar kwalunkwe mgħiba fis-suq minn parteċipanti oħra li huma jemmnu li qed tikser il-liġi dwar il-kompetizzjoni nazzjonali jew tal-UE, inkluż fir-rigward tal-obbligu ta' riforniment ta' kwantitajiet minimi skont l-Artikolu 5.

Il-korpi ta' amministrazzjoni tal-ajruporti tal-Unjoni jridu jikkonformaw mal-obbligu tagħhom skont l-Artikolu 6(1) ta' ReFuelEU Aviation li jiffaċilitaw l-aċċess għall-fjuwils tal-avjazzjoni li jkun fihom l-ishma minimi ta' SAF għall-operaturi tal-ingēnji tal-ajru. Jekk korp ta' amministrazzjoni ta' ajruport tal-Unjoni jonqos milli jikkonforma ma' dak l-obbligu (billi jimblokka l-provvista tal-SAF imħallta jew billi jimponi l-forniment ta' livelli ta' taħlit oħħla mill-obbligu legali), l-operaturi tal-ingēnji tal-ajru jistgħu, kif previst fl-Artikolu 6(2) ta' ReFuelEU Aviation, jirrapportaw id-diffikultajiet tagħhom fl-aċċess għall-fjuwils tal-avjazzjoni li fihom l-ishma minimi ta' SAF meħtieġa minn ReFuelEU Aviation lill-awtoritajiet kompetenti.

#### 4.2.3 Aktar trasparenza u robustezza tat-talbiet, inkluż għas-suq volontarju

L-operaturi tal-ingēnji tal-ajru u l-korpi ta' amministrazzjoni tal-ajruporti tal-Unjoni enfasizzaw in-nuqqas ta' trasparenza fir-rigward tal-provvista ta' SAF imħallta fis-suq tal-UE. Huma jsostnu li għandhom diffikultajiet biex jiġbru d-dokumentazzjoni rilevanti meħtieġa sabiex jitkolli l-benefiċċji assoċjati mal-użu tal-SAF u anke fil-ġbir tad-dokumentazzjoni biex jaġħu prova li qed jiġu fornuti b'SAF imħallta. Huma jargumentaw li tali nuqqas ta' trasparenza jista' jnaqqas l-effiċjenza tal-inċentivi previsti għall-użu tal-SAF skont id-dritt attwali tal-UE.

L-Artikolu 9(2) ta' ReFuelEU Aviation jirrikjedi li l-fornituri tal-fjuwils tal-avjazzjoni jipprovd, mingħajr ħlas, l-informazzjoni li l-operaturi tal-ingēnji tal-ajru jeħtieġu sabiex jissodisfaw l-obbligi ta' rapportar tagħhom skont ReFuelEU Aviation jew skont skema tal-gassijiet serra (eż. l-EU ETS jew il-CORSIA tal-ICAO). Din l-informazzjoni tħalli l-ammont ta' SAF u t-tip ta' SAF fornut. Il-UDB, li għiet stabbilita skont l-Artikolu 31a tal-RED, tista' tiffaċilita t-trasparenza u t-traċċabbiltà għat-tranżazzjonijiet tal-SAF u l-konsum fis-suq. Barra minn hekk, f'kuntest fejn l-industrija qed tinbidel minn industrija li principally tuża prodott wieħed (il-fjuwil tal-avjazzjoni konvenzjonali) għal industrija li tuża varjetà ta' prodotti (l-SAF), it-traċċabbiltà ta' tali prodotti tul-il-katina tal-valur kollha tiżgura wkoll użu sikur.

Diversi operaturi tal-ingénji tal-ajru talbu li r-rekwiżit tat-träccabbiltà sostenibbli tal-fjuwil għandu jiġi estiż għas-suq volontarju. Huma jargumentaw li sistema ċentralizzata tal-UE li tirreġistra kemm il-provvista obbligatorja kif ukoll dik volontarja tal-SAF iżżejjid il-fiduċja tal-operaturi ekonomiċi u taċ-ċittadini fis-suq tal-SAF. Huma jargumentaw ukoll li din tista' tippromwovi mhux biss l-issodisfar tal-ishma obbligatorji iżda wkoll il-provvista tal-SAF imħallta oħħla mill-ishma minimi ta' ReFuelEU Aviation. Is-suq volontarju tal-SAF imħallta huwa marbut mill-qrib mal-emissjonijiet tal-Ambitu 3<sup>48</sup> tal-kumpaniji li jużaw is-servizzi tal-avjazzjoni. Kemm ikunu lesti li jħallsu primjum għall-użu tal-SAF imħallta jista' jiddeppendi ħafna fuq it-trasparenza u r-robustezza tas-suq volontarju tal-SAF.

#### 4.2.4 L-għoti ta' permess għan-negozjar virtwali taċ-ċertifikati ta' sostenibbiltà tal-SAF permezz ta' mekkaniżmu ta' kontabilità tal-SAF

Ħafna operaturi tal-ingénji tal-ajru (b'mod partikolari fis-setturi tal-merkanzija u tal-avjazzjoni ġenerali u l-operaturi tal-avjazzjoni fuq distanzi twal<sup>49</sup>) huma lesti li jieħdu vantaġġ mill-momentum maħluq mill-istadji bikrija tal-iżviluppi fis-suq tal-SAF biex jistabbilixxu sistema ta' negozjabbiltà tal-SAF, jew mekkaniżmu ta' kontabilità tal-SAF, biex jippermettu suq virtwali għaċ-ċertifikati ta' sostenibbiltà tal-SAF li jista' jkollu xi karatteristiċi simili għal dawk tas-swieq permessi skont l-RED f'xi Stati Membri għall-bijofjuwils tal-art jew għall-elettriku ekoloġiku (eż. is-sistema Hernieuwbare brandstofeenheden<sup>50</sup> (HBE) fin-Netherlands). Madankollu, il-partijiet ikkonċernati enfasizzaw il-punt li tali suq virtwali għaċ-ċertifikati ta' sostenibbiltà tal-SAF mhux biss għandu jiġi stabbilit għan-naħħa tal-provvista (eż. il-fornituri tal-fjuwil tal-avjazzjoni) iżda għandu jkopri wkoll in-naħħa tad-domanda (eż. l-operaturi tal-ingénji tal-ajru). Għalhekk, l-operaturi tal-ingénji tal-ajru jkunu jistgħu jitħalli, skont il-leġiżlazzjoni rilevanti tal-UE, il-benefiċċi tal-użu tal-SAF strettament abbażi tax-xiri ta' ċertifikati ta' sostenibbiltà tal-SAF u irrispettivament minn fejn jiġi kkonsenjati fiżikament l-SAF imħallta.

Il-partijiet ikkonċernati msemmija fil-paragrafu preċedenti jargumentaw li suq virtwali għaċ-ċertifikati ta' sostenibbiltà tal-SAF joħloq suq akbar għall-SAF minn dak attwali. Kwalunkwe volum ta' SAF fornuti fl-UE jista' jinxтарa minn kwalunkwe operatur tal-ingénji tal-ajru, irrispettivament minn fejn jopera fl-UE. Huma jargumentaw li tali suq iżid il-kompetizzjoni u għalhekk jista' jraħħas il-prezzijiet tal-SAF u jżid il-produzzjoni tagħhom. Is-sistema ta' bilanċ tal-massa li tipprovd flessibbiltà għall-provvista u l-adozzjoni tal-SAF imħallta fl-ajruporti tal-Unjoni digħi qed ittejjeb is-sitwazzjoni fil-biċċa l-kbira tas-suq tal-avjazzjoni tal-UE. Madankollu, l-operaturi tal-ingénji tal-ajru jargumentaw li spiss jiddeppendi biss fuq fit-forrituri tal-fjuwil tal-avjazzjoni (jew saħansitra wieħed biss) f'kull ajruport. Dan jirrestrinġi ħafna s-saħħha tas-suq tal-operaturi tal-ingénji tal-ajru u l-kapaċità li jżidu x-xiri tal-SAF imħallta bi prezzijiet aktar baxxi. L-Istħarriġ dwar l-Ajruporti ta' Guidehouse wera li 43 % tal-ajruporti mistħarrġa rrapportaw żewġ fornituri ta' fjuwil tal-avjazzjoni jew inqas li joperaw fil-faċilità tagħhom.

B'mod ġenerali, il-korpi ta' amministrazzjoni tal-ajruporti għandhom it-tendenza li jappoġġaw l-idea li jiġi stabbilit suq virtwali għaċ-ċertifikati ta' sostenibbiltà tal-SAF. Madankollu, għandhom

<sup>48</sup> <https://ghgprotocol.org/sites/default/files/2022-12/FAQ.pdf>

<sup>49</sup> Trasportaturi tal-ajru b'għadd kbir ta' rotot li jtiru barra miż-ŻEË u mill-kamp ta' applikazzjoni tal-EU ETS.

<sup>50</sup> <https://www.emissionsauthority.nl/topics/general---energy-for-transport/renewable-energy-units>

fehmiet differenti ġafna dwar l-ambitu u l-karatteristiċi ta' suq virtwali bħal dan. Huma jagħmlu żewġ punti ewlenin.

- Magħgoranza kbira tal-korpi ta' amministrazzjoni tal-ajruporti tal-Unjoni u dawk li biħsiebhom jagħżlu li jipparteċipaw huma impenjati bis-sħiħ għad-dekarbonizzazzjoni tas-settur. Għalhekk, qed jaħdmu biex jiżguraw provvista permanenti tal-SAF imħallta fil-bini tagħhom – anke jekk hija biss virtwali.
- L-ajruporti iż-ġgħar u reġjonali huma mħassba li jekk ikun permess in-negozjar virtwali, dan jista' jwassal lill-fornituri tal-fjuwil tal-avjazzjoni biex sakemm l-SAF jibqgħu skarsi, jiddeċiedu li jikkonċentraw il-provvista kollha tagħhom fiċ-ċentri l-kbar. Huma jargumentaw li tali suq virtwali jista' jqiegħed lill-ajruporti sekondarji fi żvantaġġ kompetittiv meta mqabbel maċ-ċentri l-kbar, fir-rigward tal-kapaċità li jattiraw operaturi tal-ingħenji tal-ajru interessati li jużaw ishma għoljin tal-SAF imħallta.

Il-fornituri tal-fjuwil tal-avjazzjoni ġeneralment ikollhom inqas xi jgħidu rigward is-suq virtwali potenzjali għaċ-ċertifikati ta' sostenibbiltà tal-SAF, iżda ġeneralment ma jesprimu l-ebda oppożizzjoni. Xi wħud qasmu t-tħassib tagħhom dwar l-implementazzjoni potenzjalment kumplessa ta' suq virtwali regolat għall-SAF u talbu soluzzjonijiet aktar sempliċi u mhux ikkumplikati.

Hemm spetru kbir ta' karatteristiċi, rekwiżiti u għodod tekniċi possibbli meħtieġa għall-implementazzjoni ta' tali suq virtwali regolat, speċjalment jekk l-intenzjoni hija li jiġu koperti kemm in-naħa tal-provvista kif ukoll dik tad-domanda. Ta' min jinnota li suq virtwali regolat għaċ-ċertifikati ta' sostenibbiltà għan-naħa tad-domanda ma jeżisti mkien fid-dinja għall-ebda tip ta' użu tal-enerġija. Anke jekk is-settur privat digħi beda jirrifletti dwar sistemi simili għall-volumi volontarji, l-ebda waħda minnhom ma tinkludi l-iskala u l-kumplessità meħtieġa biex tkopri kemm in-naħa tal-provvista kif ukoll dik tad-domanda għal suq kbir daqs is-suq tal-avjazzjoni tal-UE, u fuq bażi regolata aktar milli semplicej voluntarja.

Ħafna tħassib espress mill-partijiet ikkonċernati (b'mod partikolari mill-operaturi tal-ingħenji tal-ajru), li jistennew li l-implementazzjoni ta' mekkaniżmu ta' kontabilità tal-SAF fl-UE jindirizza u jimmitiga, jidher li huwa marbut ma' kwistjonijiet ta' traċċabbiltà aktar milli man-negozjabbiltà bħala tali. Il-Kummissjoni għadha ma kisbet l-ebda evidenza li n-negozjar virtwali taċ-ċertifikati ta' sostenibbiltà tal-SAF ikun fattur deċiżiv biex verament tiżdied il-produzzjoni fl-UE, tittejeb id-disponibbiltà fiżika tal-SAF imħallta madwar l-UE jew jitnaqqsu l-prezzijiet tagħhom. Barra minn hekk, l-impatt ta' suq virtwali bħal dan (b'mod partikolari fuq in-naħa tad-domanda) ikun jeħtieġ valutazzjoni ulterjuri ta' diversi biċċiet ta' leġiżlazzjoni tal-UE u t-traspożżizzjonijiet nazzjonali relatati tagħhom (eż. l-RED, l-EU ETS, ReFuelEU Aviation u d-Direttiva (UE) 2024/1788<sup>51</sup> (id-Direttiva dwar il-Gass)). Pereżempju, l-EU ETS ma tippermettix lill-operaturi tal-ingħenji tal-ajru jitkolu l-użu tal-SAF imħallta jekk dawn ma jitwasslux fiżikament lilhom.

Kif digħi għie spjegat fil-Kapitolu 3, il-fornituri tal-fjuwil tal-avjazzjoni ma esprimew l-ebda intenzjoni jew urew xi sinjal li qed ifixtu b'mod attiv li jforġu SAF imħallta lil għadd limitat biss ta' ajruporti f'dan l-istadju, u huma obbligati jforġu lil kulħadd mill-2035. Barra minn hekk, il-

<sup>51</sup> <https://eur-lex.europa.eu/eli/dir/2024/1788>

bièċċa l-kbira tal-korpi ta' amministrazzjoni tal-ajruporti qed jaħdmu b'mod attiv biex jiffaċilitaw l-aċċess għall-SAF imħallta fil-bini tagħhom. Il-konġestjonijiet possibbli minħabba nuqqas ta' faċilitajiet ta' taħlit qrib ir-raffineriji u n-networks tat-trasport tal-fjuwil jistgħu jitneħħew b'mod aħjar u aktar effiċċenti permezz ta' għajnejna amministrattiva u finanzjarja aktar milli billi jiġi stabbilit suq virtwali għaċ-ċertifikati ta' sostennibbiltà tal-SAF. L-effetti negattivi potenzjali ta' mgħiba antikompetittiva mill-parteċipanti fis-suq jistgħu jiġu mmitigati billi tissaħħa it-trasparenza tas-suq u permezz tal-intervent tal-awtoritajiet tal-kompetizzjoni rilevanti.

L-impatti pożittivi fuq il-prezz ta' suq virtwali għadhom inċerti f'dan is-suq ġdid u b'volum baxx. Tali suq virtwali jista' jkollu impatt detrimentali fuq linji tal-ajru iż-ġeġi u ajruporti reġjonali li ma jkunux jistgħu jikkompetu għall-provvista li bħalissa hija limitata ta' SAF imħallta. Barra minn hekk, suq virtwali jista' jattira intermedjarji ġodda u l-ħolqien ta' suq sekondarju ddominat minn ftit investituri li jistgħu jisfruttaw il-benefiċċji tal-ekonomiji ta' skala mingħajr ma neċċessarjament jgħadduhom lill-operaturi tal-ingħenji tal-ajru. Dawk l-intermedjarji jistgħu jagħmlu aktar diffiċċli għall-fornituri tal-fjuwil tal-avjazzjoni biex jixtru l-ishma tal-SAF li jeħtieġ biex jissodisfaw l-obbligi tagħhom skont ReFuelEU Aviation. Barra minn hekk, jistgħu jistabbilixxu lilhom infuħhom f'pożizzjoni b'saħħiha matul l-istadji bikrija tas-suq il-ġdid u jeskludu entranti futuri fis-suq, filwaqt li ma jħallu l-ebda spazju għal fornituri ġodda tal-fjuwil tal-avjazzjoni fl-ajruporti u mingħajr ma jilħqu l-għan ta' kompetizzjoni usa' fil-provvista tal-SAF imħallta fl-ajruporti li hija mitluba mill-operaturi tal-ingħenji tal-ajru.

## 5 Titjib possibbli u miżuri addizzjonali għall-mekkaniżmu ta' flessibbiltà tal-SAF.

L-ġhażiet ta' flessibbiltà esplorati f'dan il-kapitolu huma maħsuba biex jindirizzaw ir-riskji u t-tħassib identifikati fil-Kapitolu 4 għall-partijiet ikkonċernati kollha, filwaqt li jirrispettar ukoll l-objettivi ta' ReFuelEU Aviation. L-ġhan muwiex biss li jiġu ffaċilitati l-provvista u l-użu tal-SAF matul il-perjodu ta' flessibbiltà (2025–2034), iżda wkoll li jiġu ppreservati l-benefiċċċi ambjentali tar-regolamenti tal-UE u l-kundizzjonijiet ekwi għall-operaturi fl-UE u fil-bqija tad-dinja, u li tiġi appoġġata l-industrija tal-provvista tal-fjuwil tal-avjazzjoni fit-tħejjija tal-katina tal-provvista tagħha biex tikkonforma mal-provvista fiżika obbligatorja tal-SAF imħallta fl-ajruporti kollha tal-Unjoni mill-2035 'il quddiem. Għal dan l-ġhan, dan il-kapitolu jiffoka fuq (i) titjib possibbli relata mat-träċċabbiltà tal-SAF u ċ-ċertifikati ta' sostenibbiltà tagħhom; u (ii) l-impatt tan-negozjabbiltà virtwali possibbli ta' tali ċertifikati.

### 5.1 Titjib potenzjali permezz ta' bidliet fil-Bażi tad-Data tal-Unjoni għall-Bijofjuwils (UDB)

Il-UDB, li ġiet stabbilita skont l-Artikolu 31a tal-RED, tiżgura t-trasparenza tas-suq, it-träċċabbiltà, u s-sikurezza fil-katina tal-provvista għall-fjuwils rinnovabbli u b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju, timmitiga r-riskji ta' irregolaritajiet, frodi u għadd doppu relatati ma' tali fjuwils u b'hekk tappoġġa l-isforzi biex jintlaħqu l-miri ambizzjużi ta' dekarbonizzazzjoni tal-UE. Is-sistema globalment tittraċċa, fuq bażi ta' tranżazzjoni, il-fjuwils li jiġu fornuti fis-suq tal-UE mill-punt tal-oriġini tal-materja prima sal-punt li jiġu rilaxxati fis-suq tal-UE għall-konsum finali. Il-UDB ilu mistu h għar-reġistrazzjoni online mill-operaturi ekonomiċi rilevanti tat-tranżazzjonijiet tal-bijofjuwils fl-UE mill-15 ta' Jannar 2024. Dan se jiġi estiż għal tipi oħra ta' fjuwils eliġibbli skont l-RED u d-Direttiva dwar il-Gass, u se jkopri b'mod effettiv it-tipi kollha ta' fjuwils eliġibbli skont ReFuelEU Aviation. B'mod partikolari, l-Artikolu 31a tal-RED jobbliga lill-Kummissjoni tistabbilixxi l-UDB sal-21 ta' Novembru 2024 biex tippermetti t-träċċar tal-fjuwils rinnovabbli u tal-fjuwil tal-karbonju riċiklat kollha. Barra minn hekk, l-Artikolu 9(11) tad-Direttiva dwar il-Gass jirrikjedi t-träċċar ta' fjuwils b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju permezz tal-UDB.

L-Artikolu 10(d) ta' ReFuelEU Aviation jirrikjedi li l-fornituri tal-fjuwil tal-avjazzjoni jirrapportaw il-kontenut ta' aromatiċi u naftaleni skont il-volum perċentwali u ta' kubrit skont il-massa perċentwali fil-fjuwil tal-avjazzjoni fornut għal kull lott, għal kull ajruport tal-Unjoni u fil-livell tal-UE. Dan ir-rekwiżit jimplika li l-fornituri tal-fjuwil tal-avjazzjoni jridu, bħala parti mir-rapportar dwar il-UDB tagħhom, jipprovdu referenza għaċ-ċertifikati ta' kwalità riċevuti fil-punt tal-produzzjoni jew tat-tħallit tal-fjuwil tal-avjazzjoni konvenzjonali (jew ċertifikat ekwivalenti) u kopja tagħhom, sabiex ikunu jistgħu jagħtu prova tal-awtentiċità tal-informazzjoni rrapportata kemm għal-lottijiet tal-fjuwils fossili kif ukoll għal dawk tal-SAF imħallta. Dan ir-rekwiżit jgħin ukoll biex tīgħi żgurata s-sikurezza fl-użu ta' tali fjuwils, iżda l-obbligu ta' rapportar jimplika wkoll li ma hemm l-ebda rekwiżit li l-lottijiet imħallta jiġu t-testjati mill-ġdid fis-siti tal-konsenja, minħabba li l-informazzjoni kkodifikata fil-UDB biċ-ċertifikati għandha tkun biżżejjed biex turi l-kwalità tal-fjuwil fornut f'konformità mal-premessa 30 ta' ReFuelEU Aviation.

Id-disinn attwali tal-UDB diġà jipprovdi traċċabbiltà siewja lill-partijiet ikkonċernati rilevanti kollha, iżda titjib addizzjonali fil-bażi tad-data jista' jkompli jindirizza u jimmitiga t-tħassib tagħhom.

### 5.1.1 Estensjoni tat-traċċabbiltà tal-SAF għall-operaturi tal-ingēni tal-ajru

It-traċċabbiltà tal-SAF fil-UDB bħalissa tintemm meta l-fornituri tal-fjuwil tal-avjazzjoni jirrilaxxaw l-SAF għall-konsum fl-ajruporti tal-Unjoni. Is-sistema ma tittraċċax l-identità tax-xerrejja (f'dan il-każ, l-operaturi tal-ingēni tal-ajru). Skont l-Artikolu 9(2) u (3) ta' ReFuelEU Aviation, il-fornituri tal-fjuwil tal-avjazzjoni huma meħtieġa jipprovdu, mingħajr ħlas, informazzjoni rilevanti u preċiża dwar il-fjuwils tal-avjazzjoni kollha fornuti lill-operaturi tal-ingēni tal-ajru. Dan itejjeb il-kapaċità tal-operaturi tal-ingēni tal-ajru li jaraw il-volumi ta' SAF li jiġu fornuti bihom. Madankollu, il-proċess ta' kondiviżjoni tal-informazzjoni jista' jsir aktar effiċjenti u jista' jiġi ssimplifikat aktar biex jipprovdi faċilment informazzjoni preċiża f'ħin reali dwar it-tranżazzjonijiet tal-SAF bejn il-fornituri tal-fjuwil tal-avjazzjoni u l-operaturi tal-ingēni tal-ajru rigward iċ-ċertifikati tas-sostenibbiltà u tal-kwalità tal-fjuwil ipprovdu li jagħtu prova tal-awtentiċità tal-informazzjoni rrapportata.

In-nuqqas ta' viżibbiltà f'ħin reali min-naħħa tal-operaturi tal-ingēni tal-ajru tal-konsenji tal-SAF imħallta huwa ostaklu sinifikanti għaż-żieda fl-użu tal-SAF. Dan jagħmilha wkoll aktar diffiċli biex ir-Regolament jiġi implementat u infurzat kif xieraq. It-twessiġħ tal-ambitu tal-UDB biex it-traċċabbiltà tal-SAF tiġi estiża għall-konsumaturi finali (jiġifieri l-operaturi tal-ingēni tal-ajru) jista' jipprovdi lill-partijiet ikkonċernati b'informazzjoni preċiża. Dan itejjeb il-kapaċità tagħhom li jirrapportaw u jqis u l-fjuwils fornuti, u b'hekk jiġi evitat ir-riskju ta' talba doppja, irregolaritajiet u frodi kif ukoll jiġu ffaċilitati l-konformità u l-infurzar. Dan jista' jiffaċilita wkoll it-trasferiment ta' dokumenti rilevanti għat-talba għall-benefiċċji għall-użu tal-SAF fl-ambitu ta' skemi ta' tnaqqis ta' gassijiet serra bħall-EU ETS, f'konformità mal-Artikolu 9 ta' ReFuelEU Aviation. Din it-traċċabbiltà estiża tappoġġa wkoll ir-rapportar u l-verifika tal-volumi tal-SAF mixtrija u mitluba skont it-Tassonomija tal-UE jew it-Tikketta tal-Emissjonijiet tat-Titjira.

### 5.1.2 Estensjoni tal-kopertura tal-UDB għall-volumi volontarji tal-provvista tal-SAF

Il-provvista volontarja ta' SAF tirreferi għal volumi ta' SAF fornuti lil ajruporti tal-Unjoni li mhumiex mill-fornituri tal-fjuwil tal-avjazzjoni għall-fini tal-konformità legali mal-obbligi fir-rigward tal-provvista tal-SAF skont ReFuelEU Aviation. Xi operaturi tal-ingēni tal-ajru, tipikament linji tal-ajru tal-merkanzija u tal-avjazzjoni għal skopijiet ta' negozju, esprimew l-importanza li ssir distinzjoni bejn provvisti volontarji u dawk obbligatorji tal-SAF għall-klijenti tagħhom li jixtiequ jnaqqsu l-emissjonijiet indiretti tagħhom meta jużaw is-servizzi tat-titjir tal-operaturi tal-ingēni tal-ajru (jiġifieri l-emissjonijiet tal-ambitu 3 tagħhom). L-operaturi tal-ingēni tal-ajru jsostnu li tali klijenti huma interessati u lesti li jħallsu l-kost tal-primjum tal-SAF dment li l-volumi tal-SAF jiġu fornuti aktar mill-ishma minimi meħtieġa skont ReFuelEU Aviation. Huwa mistenni li l-kapaċità tal-produzzjoni tal-SAF taqbeż il-volumi minimi meħtieġa fl-ewwel snin tal-applikazzjoni tar-Regolament, u għalhekk is-suq volontarju jista' jkollu rwol importanti x'jaqdi fl-iżvilupp tas-suq.

Il-UDB bħalissa ma jiddifferenzjax bejn il-volumi volontarji u obbligatorji tal-SAF imħallta, u b'hekk l-operaturi tal-ingēnji tal-ajru ma jkunux jistgħu jivverifikaw mill-UDB jekk intu żaww volumi speċifiċi tal-SAF biex jissodisfaw l-obbligi tal-fornitur. Madankollu, f'xi każijiet, l-operaturi tal-ingēnji tal-ajru jeħtieġu din l-informazzjoni sabiex jissodisfaw it-talbiet tal-klijenti tagħhom li jkunu lesti jħallsu tariffi addizzjonali tal-primjum għall-volumi tal-SAF imħallta<sup>52</sup>. L-operaturi tal-ingēnji tal-ajru bħalissa jridu jiddependu fuq ir-rieda tal-fornituri tal-fjuwils tal-avjazzjoni li jipprovdulhom din l-informazzjoni, li x'aktarx ma tīġi vverifikata mill-ebda awtorità. Għalhekk, il-klijenti tal-operaturi tal-ingēnji tal-ajru jiddependu għalkollox fuq l-integrità tal-operaturi tal-ingēnji tal-ajru u tal-fornituri tal-fjuwil tal-avjazzjoni li jkollhom x'jaqsmu magħhom. L-operaturi tal-ingēnji tal-ajru jiispiegaw li dan in-nuqqas attwali ta' monitoraġġ u ta' ċertifikazzjoni qed inaqqsas ir-rieda tal-klijenti li jixtru volumi addizzjonali ta' SAF imħallta.

Il-fatt li l-fornituri tal-fjuwil tal-avjazzjoni jitħallew jiddifferenzjaw bejn il-volumi volontarji u obbligatorji ta' SAF imħallta fil-UDB jista' jżid il-fiduċja tal-industrija u tal-klijenti fis-suq volontarju u jista' potenzjalment iżid l-użu, peress li jiffaċilita t-tnaqqis tal-emissionijiet tal-Ambitu 3 minn operaturi ekonomiċi terzi<sup>53</sup>. Tali titjib fil-UDB jindirizza waħda mill-aktar talbiet komuni tal-partijiet ikkonċernati. Dan jista' (i) jiċċentralizza l-identifikazzjoni u r-rapportar tal-volumi kollha ta' SAF f'sistema waħda permezz tal-UDB; (ii) potenzjalment iżid l-SAF imħallta fornuti u mixtri ja f'id-dritt tal-UE; u (iii) jappoġġa r-rapportar u l-verifika mill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti.

Huwa importanti li jiġi nnotat li din l-informazzjoni għandha dejjem tintuża mill-operaturi tal-ingēnji tal-ajru u mill-klijenti tagħhom f'konformità ma' standards rilevanti oħra ta' rapportar dwar il-gassijiet serra u d-dritt tal-Unjoni, inkluż ma' regoli dwar l-evitar tal-għadd doppju.

### 5.1.3 Estensjoni tat-traċċabbiltà tal-UDB għall-fjuwils eliġibbli tal-CORSIA<sup>54</sup> (CEF, CORSIA eligible fuels) bħala parti mill-EU ETS

Il-UDB hija stabbilita biex tkopri t-taċċabbiltà tal-fjuwils eliġibbli kollha bħala parti minn ReFuelEU Aviation. Madankollu, il-UDB bħalissa ma tkoprix il-fjuwils eliġibbli tal-CORSIA (CEF) li jistgħu jintalbu mill-operaturi tal-ingēnji tal-ajru bħala parti mill-iskema għat-titjiriet internazzjonali tagħhom barra miż-ŻEE. Il-CORSIA titlob lill-operaturi tal-ingēnji tal-ajru jagħtu prova tat-tnaqqis tal-emissionijiet ta' gassijiet serra tas-CEF li jitkolli billi jipprovdū kopji tal-kontijiet tax-xiri tas-CEF akkumpanjati miċ-ċertifikati tas-CEF tagħhom. Mingħajr għoddha xierqa tal-IT biex jiġu ttraċċati l-provvisti tas-CEF lill-operaturi tal-ingēnji tal-ajru, jista' jkun amministrattivament kumpless għalihom li jissostanzjaw it-talbiet tagħhom ladarba jiżdiedu l-volumi tas-CEF. Dan jista' joħloq riskji ta' frodi u għadd doppju għall-istess lott ta' fjuwil fl-ambitu ta' aktar minn skema waħda ta' gassijiet serra (eż. l-EU ETS u l-CORSIA).

Il-CORSIA hija implementata fid-dritt tal-UE permezz tal-EU ETS. L-operaturi tal-ingēnji tal-ajru b'ċertifikat tal-operatur tal-ajru jew ewkwalenti pprovdut mill-UE jew minn kwalunkwe wieħed

<sup>52</sup> Ħafna drabi sabiex inaqqsu l-emissionijiet tagħhom tal-Ambitu 3 – <https://www.wri.org/initiatives/greenhouse-gas-protocol>.

<sup>53</sup> F'konformità mal-Protokoll dwar il-Gassijiet Serra għall-Kontabbiltà tal-Proġetti - <https://ghgprotocol.org/project-protocol>.

<sup>54</sup> <https://www.icao.int/environmental-protection/CORSIA/Pages/default.aspx>

mill-Istati Membri tagħha jridu jkunu digħi jirrapportaw l-ammont annwali tagħhom ta' emissjonijiet fuq ir-rotot internazzjonali (ġewwa u barra ż-ŻEE) lill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti tagħhom. Iridu juru wkoll l-użu tas-CEF iċċertifikat skont l-Standards u l-Prattiki Rakkomandati tal-CORSIA u l-atti ta' implementazzjoni relatati. L-ġħażla biex tiġi estiżha t-traċċabbiltà ta' dawn il-fjuwils fil-UDB meta jiġu fornuti fl-UE tista' tiffaċilita kemm ir-rapportar tal-operaturi tal-ingēnji tal-ajru tal-UE kif ukoll l-użu wiesa' ta' SAF ta' kwalità oħla, minħabba li jkun aktar faċli li jintwera l-livell oħla ta' tnaqqis tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra f'kull lott ta' CEF mixtri. L-estensjoni tat-traċċabbiltà tal-UDB għas-CEF tiżgura wkoll l-użu sikur ta' tali fjuwils.

## 5.2 Titjib potenzjali permezz tal-implementazzjoni ta' mekkaniżmu ta' kontabilità tal-SAF

Kif deskrift qabel, mekkaniżmu ta' kontabilità tal-SAF jista' jinvolvi għażliet u parametri differenti possibbli tad-disinn. Għalhekk, il-Kummissjoni qabbedet lil Guidehouse tivvaluta l-ġħażliet differenti possibbli. Din it-taqSIMA tiddependi fuq l-analiżi deskritta fid-dettall fit-Taqsima 8.2 tal-istudju ta' sostenn ta' Guidehouse. Is-suppożizzjonijiet li ġejjin japplikaw għal kull waħda mill-ġħażliet possibbli għal mekkaniżmu ta' kontabilità tal-SAF.

- L-ambitu tal-mekkaniżmu huwa l-istess bħal ta' ReFuelEU Aviation (eż. l-ambitu legali u ġegħiġi, il-fjuwils eliġibbli, id-definizzjonijiet tal-partijiet ikkonċernati, eċċ.).
- Il-volumi fiziċċi marbuta maċ-ċertifikati ta' sostenibbiltà tal-SAF innegozjati virtwalment iridu jiġu fornuti fiżikament lil ajrupport tal-Unjoni bħala SAF imħallta.
- Iċ-ċertifikati ta' sostenibbiltà tal-SAF jistgħu jintalbu darba biss mill-fornituri tal-fjuwil tal-avjazzjoni għall-finu tal-konformità mal-obbligli ta' ReFuelEU Aviation u tal-RED. Bl-istess mod, iċ-ċertifikati ta' sostenibbiltà tal-SAF jistgħu jintalbu darba biss mill-operaturi tal-ingēnji tal-ajru fl-ambitu ta' skemi ta' gassijiet serra jew ta' appoġġ finanzjarju.
- Il-UDB tista' takkomoda mekkaniżmu ta' kontabilità tal-SAF li jippermetti n-negozjar virtwali taċ-ċertifikati ta' sostenibbiltà tal-SAF.

### 5.2.1 Impatt fuq ReFuelEU Aviation

Is-suq virtwali għażċ-ċertifikati ta' sostenibbiltà tal-SAF implementat fil-konfini legali ta' ReFuelEU Aviation jista' jippermetti lill-fornituri tal-fjuwil tal-avjazzjoni aċċess insuffiċjenti għall-SAF biex jikkonformaw mal-obbligli tagħhom billi jixtru ċertifikati virtwali ta' sostenibbiltà tal-SAF minn fornituri oħra tal-fjuwil tal-avjazzjoni b'aktar provvista milli jeħtieġu. Għalhekk, jista' jkun li l-operaturi tal-ingēnji tal-ajru jkunu jistgħu jixtru wkoll ċertifikati virtwali ta' sostenibbiltà tal-SAF mill-fornituri tal-fjuwil tal-avjazzjoni fuq is-suq virtwali. Madankollu (kif enfasizzat fit-taqSIMA li jmiss dwar l-impatti fuq l-EU ETS), l-operaturi tal-ingēnji tal-ajru jista' jkollhom kapaċċità limitata ħafna li jużaw ċertifikati virtwali ta' sostenibbiltà tal-SAF skont id-dritt tal-UE. Diversi għażliet tad-disinn għal tali mekkaniżmu ta' kontabilità tal-SAF huma ppreżentati fit-Taqsima 8.2 tal-istudju ta' sostenn ta' Guidehouse.

B'mekkaniżmu ta' kontabilità tal-SAF, l-obbligu fuq il-fornituri kollha tal-fjuwil tal-avjazzjoni li jfornu volumi fiziċċi ta' SAF imħallta lill-ajrupporti tal-Unjoni jitneħħa matul il-perjodu ta' flessibbiltà, minħabba li minflok ikunu jistgħu jużaw ċertifikati virtwali ta' sostenibbiltà tal-SAF. Dan l-approċċ huwa simili għall-flessibbiltà permessa skont l-RED għall-fornituri tal-fjuwil u

għall-fjuwils sostenibbli tat-trasport bit-triq (kif imsemmi fil-Kapitolu 4). Il-fornituri tal-fjuwil tal-avjazzjoni li jiffacċejaw diffikultajiet fil-produzzjoni jew fl-akkwist ta' SAF u SAF imħallta jkollhom 10 snin biex jaġġornaw il-katina tal-provvista tagħhom u jikkonformaw fīzika minn mar-rekiżi tas-sehem minimi mill-2035.

Is-suq virtwali għaċ-ċertifikati ta' sostenibbiltà tal-SAF implementat skont ReFuelEU Aviation jista' jippermetti lill-operaturi tal-ingħenji tal-ajru jitkolu ċ-ċertifikati virtwali mixtriha fl-ambitu tat-Tikketta tal-Emissjonijiet tat-Titjira. L-operaturi tal-ingħenji tal-ajru jistgħu wkoll jiisfruttaw iċ-ċertifikati virtwali biex jixtru volumi volontarji ta' SAF fuq is-suq u jbigħuhom lil klijenti li jkunu lesti li jnaqqsu l-emissjonijiet tal-Ambitu 3 tagħhom. Xorta waħda jidher li l-użu ta' tali ċertifikati virtwali huwa limitat għall-operaturi tal-ingħenji tal-ajru u għalhekk jista' jnaqqas ir-rieda tagħhom li jixtru tali ċertifikati.

Madankollu, suq virtwali bħal dan jista' jikkonċentra ġeografikament l-istokkijiet fīziċċi tal-SAF fi ftit ajruporti li jinsabu qrib il-faċilitajiet ta' produzzjoni u ta' taħlit li, kif jidher fil-Kapitolu 2, jinsabu principally fl-Istati Membri tal-Punent u tat-Tramuntana. L-istudju ta' sostenn ta' Guidehouse jikkonkludi wkoll li tali mekkaniżmu ta' kontabilità tal-SAF jista' jdewwem l-investiment fl-iżvilupp tal-katina tal-provvista tal-SAF tal-UE minħabba li ma jkun hemm l-ebda inċentiv għall-fornituri tal-fjuwil tal-avjazzjoni biex jittrasportaw jew jipproduċu l-SAF madwar l-UE matul il-perjodu ta' flessibbiltà. Dan jista' jgħaddi messaġġ ħażin lill-industrija, li trid tħejji l-katina tal-provvista tagħha biex tkun lesta li tħalli sehem minimu ta' 20 % tal-SAF lill-ajruporti kollha tal-Unjoni sal-2035. Dan it-tħassib huwa kondiviż ukoll minn xi korpi ta' amministrazzjoni tal-ajruporti tal-Unjoni, li huma ġerqana li jaraw li l-produzzjoni u l-provvista tal-SAF jiżviluppaw kullimkien fl-UE biex jiġu ppreservati kundizzjonijiet ekwi għall-partijiet ikkonċernati tal-industrija u għall-Istati Membri fl-UE. Il-konċentrazzjoni ġeografika tal-SAF imħallta fornuti biss lil ajruporti qrib faċilitajiet ta' produzzjoni ċċaħħad sehem sinifikanti mit-territorju tal-UE mill-benefiċċi mhux tas-CO<sub>2</sub> li jista' joffri l-użu tal-SAF, f'termini ta' kwalità tal-arja madwar l-ajruporti u tnaqqis ta' strixex ta' kondensazzjoni f'rotot tal-ajru partikolari.

L-impatt ta' benefiċċju ta' mekkaniżmu ta' kontabilità tal-SAF fuq il-prezzijiet tal-SAF imħallta għall-operaturi kollha tal-ingħenji tal-ajru u fir-reġjuni kollha fl-UE għadu mhux ċar. L-argument li suq virtwali għaċ-ċertifikati jwassal għal tnaqqis fil-kostijiet u fl-emissjonijiet tat-trasport tal-SAF ma' ġiex sostanzjat. Il-kostijiet addizzjonali tat-trasport jiddependu biss fuq id-distanza bejn il-post fejn jiġi prodott jew importat l-SAF fl-UE u l-faċilità tat-taħlit. L-istudju ta' sostenn ta' Guidehouse juri li dan it-tħassib għandu jonqos maż-żmien minħabba l-iżvilupp tal-industrija tal-SAF. Mill-punt ta' taħlit 'il quddiem, it-trasport huwa identiku għal dak għall-fjuwils tal-avjazzjoni konvenzjonali u ma għandux jirriżulta f'żieda sinifikanti fil-kost loġistiku.

Barra minn hekk, l-iffaċilitar tan-negozjar virtwali tal-SAF jista' jnaqqas il-motivazzjoni għall-iżvilupp ta' kapaċità industrijali domestika b'mod partikolari għall-SAF emerġenti, bħall-bijofjuwils avvanzati u l-fjuwils sintetiċi, filwaqt li juża l-perjodu ta' flessibbiltà għas-salvagħwardja tal-profitt tal-industrija. Madankollu, dan il-perjodu huwa ta' importanza kritika biex tiġi żviluppata l-kapaċità industrijali fl-UE għall-produzzjoni tal-SAF. Ladarba jiġu prodotti fuq skala kbira u kwantitajiet suffiċċenti, in-negozjar tagħhom fl-UE ma jkunx ostaklu.

Fir-rigward tal-volumi volontarji, ma hemm xejn f'ReFuelEU Aviation li jipprevjeni lill-fornituri tal-fjuwil tal-avjazzjoni milli virtwalment ibigħu l-SAF żejjed tagħhom aktar mill-minimu obbligatorju lill-klijenti interessati għal kwalunkwe użu li mhuwiex legalment meħtieġ u li jirrispetta l-qafas legali attwali. Għaddejjin xi inizjattivi privati. Il-Kummissjoni se timmonitorja l-iżviluppi ta' dawn l-inizjattivi u se tivvaluta l-konformità tagħhom mal-leġiżlazzjoni tal-UE. Is-suq virtwali robust u trasparenti għal volumi volontarji ta' SAF imħallta li jista' jgħin lill-klijenti jnaqqsu l-emissjonijiet tal-Ambitu 3 tagħhom (b'mod partikolari jekk ikunu kompletament traċċabbli permezz tal-UDB) jista' jsahħa il-fiduċja tal-pubbliku ġenerali fid-dekarbonizzazzjoni tal-avjazzjoni u jista' jnaqqas ir-riskji ta' greenwashing mingħajr il-ħtieġa ta' aktar intervent regolatorju.

Il-fornituri tal-fjuwil tal-avjazzjoni ma esprimewx tħassib dwar l-obbligi fir-rigward tal-provvista tagħhom li jiġiustifikaw l-implementazzjoni ta' tali suq virtwali bil-liġi matul il-perjodu ta' flessibbiltà. Il-fornituri tal-fjuwil tal-avjazzjoni digħi huma liberi skont il-qafas regolatorju attwali li jinnegozjaw volumi fizċi ta' SAF u SAF imħallta ma' xulxin qabel ma jfornuhom lis-suq.

### 5.2.2 Impatt fuq biċċiet ta' leġiżlazzjoni rilevanti oħra

#### 5.2.2.1 Id-Direttiva (UE) 2018/2001 (l-RED)

L-RED tippermetti lill-Istati Membri jagħtu xi flessibbiltà lill-fornituri tal-fjuwil tagħhom meta jikkonformaw mal-obbligi tagħhom permezz tax-xiri ta' biljetta ta' konformità. Madankollu, iċ-ċertifikati virtwali ta' sostennibbiltà tal-SAF li jiġu nnegozjati internazzjonālment ma jiġux rikonoxxuti mill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri minħabba li l-provvista trid isseħħ fi ħdan il-fruntieri ta' Stat Membru partikolari. Dan ifisser li l-fornituri tal-fjuwil tal-avjazzjoni li jiddeċiedu li jikkonformaw mal-obbligi tagħhom skont ReFuelEU Aviation b'mod virtwali ma jkunux jistgħu jqisu dawk iċ-ċertifikati virtwali għall-fini ta' għajnuna biex jintlaħqu l-miri nazzjonali tal-RED.

#### 5.2.2.2 Id-Direttiva 2003/87/KE (EU ETS)

L-avjazzjoni ilha parti mill-EU ETS sa mill-2012. Skont l-EU ETS, l-operaturi tal-ingēnji tal-ajru jimmonitorjaw, jirrapportaw u jivverifikaw l-emissjonijiet minn titjiriet imwettqa fl-ambitu ġeografiku tal-EU ETS. Għalhekk, l-operaturi tal-ingēnji tal-ajru jridu jċedu l-kwoti tal-UE biex ikopru dawn l-emissjonijiet kollha. Is-sistema ta' monitoraġġ, rapportar u verifika tiddependi fuq l-ippumpjar fiżiku u l-ħruq attwali tal-fjuwil tat-tipi kollha ta' fjuwil – inkluż l-SAF – u fuq sistema ta' bilanċ tal-massa (inkluż il-prinċipju tal-proporzjonalità) jekk l-ippumpjar fiżiku ta' ċerti fjuwils ma jkunx jista' jiġi ddeterminat (eż. fil-każ ta' infrastruttura interkonnessa bħas-sistemi tal-pipelines). Dan ifisser li l-operaturi tal-ingēnji tal-ajru bħalissa ma jistgħux jitkolli ċertifikati virtwali ta' sostennibbiltà tal-SAF fl-ambitu tal-iskema.

Jekk tiġi permessa l-provvista virtwali tal-SAF fl-ambitu ta' ReFuelEU Aviation mingħajr ma l-operaturi tal-ingēnji tal-ajru jitħallew jitkolli ċertifikati virtwali skont l-EU ETS jista' jkun hemm għal aktar distorsjonijiet sinifikanti tal-kompetizzjoni fis-suq tal-UE. Minn naħa waħda, l-operaturi tal-ingēnji tal-ajru li joperaw minn ajruporti tal-Unjoni fejn ikunu disponibbli biss ċertifikati virtwali ma jkunu jistgħu jitkolli beneficiċju skont l-EU ETS filwaqt li min-naħħa l-oħra, l-operaturi tal-ingēnji tal-ajru li joperaw minn ajruporti tal-Unjoni fejn l-SAF imħallta jiġi fornuti

fiżikament se jkollhom l-opportunità li jitolbu l-benefiċċji tal-użu tal-SAF fl-ambitu tal-EU ETS u se jġarrbu kostijiet imnaqqsar marbuta maċ-ċediment tal-kwoti tal-UE u mal-appoġġ addizzjonali għall-ippumpjar tal-fjuwils eliġibbli. Mingħajr mekkaniżmu robust għat-traċċar taċ-ċertifikati ta' sostenibbiltà tal-SAF lill-konsumatur finali, jiżdiedu ħafna r-riskji ta' frodi min-naħħa tal-fornituri tal-fjuwil tal-avjazzjoni li potenzjalment ibiqi ċertifikati ta' sostenibbiltà tal-SAF darbejn lil operaturi differenti tal-ingēnji tal-ajru – darba fil-post tal-provvista virtwali u darba fl-ajrupport tal-provvista fiż-żiex.

Il-konsultazzjoni mal-partijiet ikkonċernati żvelat li l-biċċa l-kbira tal-operaturi ekonomiċi kemm min-naħħa tad-domanda (eż. l-operaturi tal-ingēnji tal-ajru) kif ukoll min-naħħa tal-provvista (eż. il-fornituri tal-fjuwil tal-avjazzjoni) iqisu l-kapaċità tal-operaturi tal-ingēnji tal-ajru li jitolbu l-użu ta' ċertifikati virtwali ta' sostenibbiltà tal-SAF bħala rekwiżit primarju għall-implementazzjoni u l-funzjonament tajjeb ta' mekkaniżmu ta' kontabilità tal-SAF li jippermetti n-negozjar virtwali f'tali ċertifikati fl-UE. L-implementazzjoni ta' tali mekkaniżmu fi ħdan ReFuelEU Aviation waħedha tillimita l-benefiċċji tas-suq virtwali strettament għan-naħħa tal-provvista u tista' toħloq inkonsistenzi fid-dritt tal-UE.

## 6 Konklużjonijiet u rakkmandazzjonijiet

### 6.1 Valutazzjoni tal-iżviluppi fil-produzzjoni u l-provvista tal-SAF fis-suq tal-fjuwil tal-avjazzjoni tal-UE

L-iżviluppi reċenti fis-suq tal-SAF tal-UE jippermettu li jiġi konkluż, f'dan l-istadju bikri, li l-mekkaniżmu ta' flessibbiltà attwali tal-SAF ta' 10 snin, flimkien maż-żieda reċenti fil-kapaċità tal-produzzjoni tal-SAF fl-UE, huma adegwati biex jiġu żgurati d-disponibbiltà u l-provvista tal-ishma minimi ta' SAF imħallta f'għadd sinifikanti ta' ajruporti tal-Unjoni mill-2025 sal-2035, ċertament għall-bijofjuwils tal-avjazzjoni. Dan jippermetti wkoll lill-industrija tagħmel l-investimenti teknoloġiċi u loġistiċi meħtieġa biex taġġgħora l-katina tal-provvista u tiżgura l-konformità mal-provvista ta' ishma minimi sal-2035 lill-ajruporti kollha tal-Unjoni.

Madankollu, il-Kummissjoni se tkompli tappoġġa u toħloq il-kundizzjonijiet it-tajba għall-investimenti tal-produtturi tal-fjuwil tal-avjazzjoni fl-SAF bi tliet modi.

- Se żżomm iċ-ċertezza legali fejn jidħlu l-obbligi fir-rigward tal-provvista ta' ReFuelEU Aviation ta' ishma minimi ta' SAF fl-2030 u lil hinn. Il-Kummissjoni tqis li kemm il-mira tal-SAF kif ukoll is-submiri tal-fjuwils tal-avjazzjoni sintetiċi għall-2030 u l-2035 stabbiliti mir-Regolament huma realistiċi, proporzjonati u kruċjali biex jintlaħqu l-objettivi tal-pakett “Lesti għall-mira ta' 55 %” u l-Pjan dwar il-Mira Klimatika għall-2040 li ġie ppubblifik reċentement<sup>55</sup>.
- Se timplimenta l-miżuri ta' appoġġ imsemmija fil-Kapitolu 2 ta' dan ir-rapport bl-aktar mod sempliċi, ġust u kosteffiċjenti.
- Se tkompli theggieg lill-Istati Membri jadottaw leġiżlazzjoni nazzjonali li tiddefinixxi r-regoli relatati mal-penali fir-Regolament mill-aktar fis possibbi<sup>56</sup> u lesta li tieħu azzjoni mill-ewwel, jekk ikun hemm bżonn. Reċentament l-EASA ppubblifikat ir-rapport tagħha bit-titolu *State of the EU SAF market in 2023*. Ir-rapport jiddeskrivi l-metodoloġija biex jiġu ddeterminati l-prezzijiet tal-fjuwils tal-avjazzjoni. Il-livell ta' penali stabbilit fl-Artikolu 12 ta' ReFuelEU Aviation huwa ċar, proporzjonat u dissważiv biżżejjed biex jiffaċilita livell koerenti u armonizzat ta' penali fis-suq intern kollu.

Il-Kummissjoni se timmonitorja l-iżviluppi fis-settur tal-fjuwil tal-avjazzjoni sostenibbli u b'mod partikolari l-iżvilupp ta' bijofjuwils tal-avjazzjoni avvanzati u proġetti ta' produzzjoni ta' fjuwils tal-avjazzjoni sintetiċi madwar l-UE. Il-Kummissjoni hija konxja li l-produtturi tal-fjuwil tal-avjazzjoni (b'mod partikolari l-produtturi tal-fjuwils fossili tal-avjazzjoni) għadhom ma nedewx l-investimenti meħtieġa għat-ħaqabba r-restrizzjonijiet fuq id-disponibbiltà ta' materja prima tal-bijomassa bħaż-żejt tat-tisjir użat (UCO, used cooking oil) – l-iżvilupp u ż-żieda fil-produzzjoni u l-provvista ta' bijofjuwils tal-avjazzjoni avvanzati u fjuwils tal-avjazzjoni sintetiċi fl-UE mill-2030 sejkun meħtieġa sabiex is-settur tal-avjazzjoni jkun jiġi jnaqqas b'mod sinifikanti l-emissjonijiet tiegħu u jilħaq l-ghajnejiet ta' dekarbonizzazzjoni u l-pjanijiet direzzjonali

<sup>55</sup> Valutazzjoni tal-impatt tal-Mira Klimatika għall-2040 – [https://climate.ec.europa.eu/eu-action/climate-strategies-targets/2040-climate-target\\_en#documents](https://climate.ec.europa.eu/eu-action/climate-strategies-targets/2040-climate-target_en#documents).

<sup>56</sup> L-Artikolu 12(1) ta' ReFuelEU Aviation.

tiegħu stess sal-2050. Għalhekk, l-appoġġ tar-R&I u ta' dawk li jieħdu azzjoni kmieni għat-teknoloġiji ġodda tal-SAF huwa meħtieġ biex tiżdied il-kompetittivitā tal-UE u s-sigurtà tal-produzzjoni domestika billi jiġu mmitigati r-riskji relatati mal-katina tal-provvista tal-SAF. Barra minn hekk, il-mekkaniżmu ta' aggregazzjoni tad-domanda u tal-provvista jiġi jiffaċilita aktar l-iżvilupp tas-suq għall-fjuwils tal-avjazzjoni sintetiċi. Jekk ikun meħtieġ, il-Kummissjoni se tintervjeni biex tappoġġa ż-żieda ta' tali fjuwils u tindirizza lprofil tar-riskju ta' dawn il-proġetti billi timmitiga r-riskji regolatorji, tas-suq u tat-teknoloġija u tagħmilhom aktar attraenti għall-investituri bil-ħsieb li tippermetti l-iżvilupp fwaqtu ta' faċilitajiet fuq skala industrijali fl-UE qabel l-2030. Il-Patt għal Industrija Nadifa u l-Pjan ta' Investment għat-Trasport Sostenibbli se jrawmu l-investiment fteknoloġiji tal-enerġija nadifa u jżidu magħhom u se jagħtu priorità lill-investiment f'soluzzjonijiet għad-dekarbonizzazzjoni tat-trasport li huma kruċjali għad-dekarbonizzazzjoni ta' modi “diffiċli biex jitrażżnu” bħall-avjazzjoni u li huma kruċjali għal ħafna reġjuni tal-UE u għall-mobbiltà taċ-ċittadini. Kif tħabbar fil-Patt għal Industrija Nadifa, aktar tard fl-2025 il-Kummissjoni se tressaq Pjan ta' Investment għat-Trasport Sostenibbli li jippreżenta approċċi strateġiku għall-espansjoni u l-prioritizzazzjoni tal-investimenti f'soluzzjonijiet għad-dekarbonizzazzjoni tat-trasport, inkluż l-SAF.

Hemm għadd ta' modi li permezz tagħhom jistgħu jiġi appoġġati dawn il-proġetti u jingħata kontribut għall-ambizzjonijiet ta' sostenibbiltà tal-UE fl-avjazzjoni: (i) it-titjib tal-kundizzjonijiet tas-suq u ż-żamma taċ-ċertezza regolatorja; (ii) it-naqqis tal-kumplessità u tal-piż amministrattiv; (iii) iż-żieda tas-sensibilizzazzjoni dwar il-ħtieġa u l-benefiċċji tal-fjuwils tal-avjazzjoni sintetiċi fost il-partijiet ikkonċernati; u (iv) it-tfassil ta' mekkaniżmi effettivi ta' appoġġ finanzjarju. L-investiment fil-bini tal-kapaċità tal-SAF irid iseħħ fl-UE biex jissaħħu l-industrijalizzazzjoni mill-ġdid u s-sigurtà strateġika tal-provvista tal-enerġija madwar l-UE kollha. Il-Kummissjoni se tiżgura li l-qafas it-tajjeb ikun fis-seħħ biex jiġi attirat l-investiment fl-SAF u b'mod partikolari fil-fjuwils tal-avjazzjoni sintetiċi. Għal dan l-għan, il-Kummissjoni se taħdem ma' atturi pubbliċi u privati biex tisfrutta l-finanzjament meħtieġ għat-tranżizzjoni. Il-Kummissjoni se tkompli tappoġġa wkoll l-iżvilupp tas-suq tal-SAF tal-UE fis-snin li ġejjin permezz tal-Patt għal Industrija Nadifa, li fih l-SAF jitqiesu bħala kontributur prinċipali għall-isforzi ta' dekarbonizzazzjoni fl-UE.

B'mod parallel, il-Kummissjoni se tibqa' speċjalment viġilanti biex tiżgura li l-fornituri tal-fjuwil tal-avjazzjoni ma jitfgħux il-kost tal-penali, f'każ li ma jirrispettawx l-obbligi fir-rigward tal-provvista, fuq il-linji tal-ajru u, fl-aħħar mill-aħħar, fuq il-passiġġieri – bħala alternattiva għall-investiment fil-produzzjoni meħtieġa tal-SAF u, b'mod aktar specificu, tal-fjuwils tal-avjazzjoni sintetiċi. Ir-Regolament jiskoragħixxi mgħiba bħal din billi jittrasferixxi b'mod kumulattiv kwalunkwe nuqqas fil-provvista għas-snin sussegamenti.

Permezz tal-programmi tal-UE għall-infrastruttura (eż. TEN-T), il-Kummissjoni se tappoġġa l-iżvilupp ta' infrastruttura tal-SAF imħallta biex tiffaċilita l-konformità fl-ajruporti kollha tal-Unjoni mar-rekwiżiti tas-sehem minimu, qabel jew mhux aktar tard minn tmiem il-perjodu ta' flessibbiltà fl-2035.

## 6.2 Valutazzjoni ta' titjib possibbli jew miżuri addizzjonali għall-mekkaniżmu ta' flessibbiltà eżistenti tal-SAF bil-ħsieb li jiġi ffaċilitati aktar il-provvista u l-użu tal-SAF għall-avjazzjoni matul il-perjodu ta' flessibbiltà

B'antiċipazzjoni tal-obbligi fir-rigward tal-provvista tal-2025, xi partijiet ikkonċernati tal-industrija (principalement l-operaturi tal-ingēnji tal-ajru) esprimew tħassib dwar iż-żieda fis-suq tal-SAF u l-kostijiet tal-primjum assoċjati. Ġew enfasizzati kwistjonijiet bħad-disponibbiltà u t-träċċabbiltà tal-SAF fl-ajruporti tal-Unjoni, il-prezzijiet tal-SAF u l-pożizzjoni dominanti ta' ċerti fornitori tal-fjuwil tal-avjazzjoni. Il-Kummissjoni esplorat diversi opzjonijiet biex tindirizza dan it-tħassib.

### 6.2.1 Titjib permezz ta' bidliet fil-Bażi tad-Data tal-Unjoni għall-Bijofjuwils (UDB)

Il-Kummissjoni ssib li t-tkabbir tal-ambitu tal-UDB biex tiġi estiża t-träċċabbiltà tal-SAF għall-konsumaturi finali – l-operaturi tal-ingēnji tal-ajru – jista' jtejjeb it-trasparenza tas-suq, is-sikurezza, u l-kapaċità tal-operaturi tal-ingēnji tal-ajru li jirrapportaw u jqis u l-SAF fornut u jnaqqsu l-piż amministrattiv. Huwa partikolarment vitali għall-implementazzjoni xierqa tat-Tikketta tal-Emissjonijiet tat-Titjira li l-operaturi tal-ingēnji tal-ajru jkunu jistgħu jattrbwixxu t-taħlita tal-fjuwil it-tajba (u l-livell tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra relatax tagħha) għal kwalunkwe titjira partikolari. Dan jista' jiffaċilita wkoll it-trasferiment ta' dokumenti rilevanti għall-fini li jintalbu benefiċċi għall-użu tal-SAF bħala parti minn skemi ta' tnaqqis ta' gassijiet serra bħall-EU ETS jew il-CORSIA tal-ICAO skont l-Artikolu 9 ta' ReFuelEU Aviation. Dan jista' jiffaċilita ħafna wkoll il-konformità mal-artikoli kollha ta' ReFuelEU Aviation u l-infurzar tagħhom mill-partijiet ikkonċernati u mill-awtoritajiet kompetenti.

Jekk l-operaturi ekonomiċi jitħallew jiddifferenzjaw bejn il-volumi obbligatorji u dawk volontarji ta' SAF fil-UDB jista' jkun li tiżdied il-fiduejja tal-partijiet ikkonċernati u tal-klijenti fis-suq volontarju u tista' potenzjalment tiżdied il-provvista ta' volumi volontarji. Tali titjib fil-UDB jista' jiċċentralizza l-volumi kollha ta' SAF f'sistema unika u jista' jiffaċilita r-rapportar u l-verifika mill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri.

Il-Kummissjoni tqis li l-estensjoni tal-ambitu tal-UDB biex jinkludi fjuwils iċċertifikati tal-CORSIA (CEF) tista' tinċentiva aktar l-użu ta' tali fjuwils fl-ajruporti tal-Unjoni. Tali titjib fil-UDB huwa kruċjali għas-suċċess tal-inizjattiva CORSIA, li ġiet implementata reċentelement permezz tal-EU ETS, u jikkontribwixxi għall-viżjoni ambizzju ja kollettiva u globali tal-ICAO li tuża l-SAF biex tnaqqas l-emissjonijiet tas-CO<sub>2</sub> fl-avjazzjoni internazzjonali b'5 % sal-2030.

Bħala parti mill-appoġġ tagħha għall-iffaċilitar u l-inċentivar tal-provvista u l-użu tal-SAF imħallta fl-ajruporti tal-Unjoni, il-Kummissjoni se timplimenta l-bidliet meħtieġa fil-UDB biex testendi t-träċċabbiltà tal-SAF fuq bażi volontarja għall-operaturi tal-ingēnji tal-ajru sal-2025. Il-Kummissjoni tistenna li dan it-titjib se jindirizza l-biċċa l-kbira tat-ħassib u t-talbiet espressi mill-partijiet ikkonċernati fil-kuntest ta' sistema ta' negozjabbiltà għall-SAF (kif deskrift fil-Kapitolu 4). Il-Kummissjoni se tħejji wkoll, f'kooperazzjoni mal-EASA, id-dokumenti kummerċjali u tekniċi meħtieġa biex tħejji l-implementazzjoni taż-żewġ azzjonijiet ta' titjib l-oħra. Dawn il-bidliet se jtejbu ħafna t-träċċabbiltà tal-SAF fl-UE, u b'hekk isaħħu l-kompetittività tal-industrija tal-fjuwils sostenibbli tal-UE.

## 6.2.2 Ir-rilevanza ta' suq virtwali għaċ-ċertifikati ta' sostenibbiltà tal-SAF skont ReFuelEU Aviation

In-negożjabbiltà virtwali taċ-ċertifikati ta' sostenibbiltà tal-SAF permessa permezz ta' mekkaniżmu ta' kontabilità tal-SAF tista' tkun ta' beneficiċju għall-fit fornitori tal-fjuwil tal-avjazzjoni li jistgħu jiffacċċaw diffikultajiet fl-aċċess għall-SAF matul il-perjodu ta' flessibbiltà. Madankollu, intervent regolatorju li jkun jeħtieġ reviżjoni ta' ReFuelEU Aviation u potenzjalment biċċiet oħra ta' leġiżlazzjoni f'dan l-istadju bikri tas-suq li għadu kif ġie regolat ma jidherx ġustifikat, speċjalment meta jitqies li huma possibbli inizjattivi privati għal kwalunkwe negozjar volontarju kemm fuq in-naħħa tal-provvista kif ukoll fuq in-naħħa tad-domanda. Kif ikkonkludiet Guidehouse, jekk il-fornituri tal-fjuwil tal-avjazzjoni jitħallew jikkonformaw mal-obbligi tagħhom fuq terminu qasir permezz tan-negozjar ta' ċertifikati virtwali jiżdied ir-riskju li dawn ma jkunux lesti li jforġu SAF fiziċċi lil kull ajruport tal-Unjoni sal-2035. Dan jimplika l-konċentrazzjoni tal-effetti ta' beneficiċju tal-SAF għall-komunitajiet lokali għal ftit ajruporti u Stati Membri biss, u dan ifixkel l-isforzi biex tittejjeb il-kwalità tal-arja madwar l-ajruporti u biex jitnaqqsu l-effetti mhux tas-CO<sub>2</sub>, jiġifieri l-istrixex ta' kondensazzjoni. Dan jista' wkoll jiskoragħixxi lill-industrija mill-tibni l-kapaċità industrijali domestika tal-SAF u milli tuża bl-aħjar mod il-perjodu ta' flessibbiltà. Madankollu, dan il-perjodu ta' 10 snin huwa ta' importanza kritika biex tiġi żviluppata l-kapaċità industrijali fl-UE għall-produzzjoni tal-SAF. Barra minn hekk, il-partijiet ikkonċernati jibqgħu mhux ċari rigward id-disinn u l-parametri ppreferuti li għandu jkollu tali mekkaniżmu. Huwa importanti wkoll li jiġi nnotat li l-ambitu tal-implementazzjoni ta' mekkaniżmu ta' kontabilità tal-SAF ikollu impatt kbir fuq l-effettivitā u r-rilevanza tiegħu għall-partijiet ikkonċernati. L-implementazzjoni ta' tali mekkaniżmu fi ħdan ReFuelEU Aviation biss tista' toħloq inkonsistenzi mhux mixtieqa.

L-ammonti obbligatorji inizjali ta' SAF li għandhom jitħalltu huma relativament modesti. Dan jillimita r-riskji negattivi ta' żviluppi mhux mistennija tas-suq u jipprovi opportunità biex tiġi osservata l-prestazzjoni reali tas-suq matul l-ewwel snin tal-obbligi fir-rigward tal-provvista. Il-monitoraġġ kontinwu tas-suq fis-snin li ġejjin se jkun kruċjali biex jiġi ddeterminat jekk huwiex meħtieġ intervent regolatorju sabiex jintlaħqu l-għanijiet tal-UE rigward il-kontribut tas-settur tal-avjazzjoni biex jintlaħqu l-għanijiet klimatiċi għall-2030 u l-2050.

## 6.2.3 Mitigazzjonijiet oħra

Il-Kummissjoni tinnota t-tħassib tal-operaturi tal-ingieni tal-ajru rigward id-differenzi sproporzjonati perċepiti fil-prezz u d-disponibbiltà tal-SAF imħallta f'ċerti ajruporti. Is-servizzi tal-Kummissjoni b'mod partikolari se jagħtu attenzjoni mill-qrib għal kwalunkwe prattika ta' pprezzar inġusta tal-fjuwils tal-avjazzjoni fl-ajruporti tal-Unjoni mill-fornituri tal-fjuwil tal-avjazzjoni. Jekk jiġi osservat xi ksur tad-dritt tal-UE, il-Kummissjoni se tieħu kwalunkwe miżura meħtieġa biex tindirizza l-kwistjonijiet f'konformità mal-politika ta' infurzar tagħha. Ir-rapport li jagħmel rieżami ta' ReFuelEU Aviation fl-2027 se jippermetti lill-Kummissjoni tidentifika dawk l-ajruporti tal-Unjoni fejn l-SAF imħallta għadhom mhumiex disponibbli u fejn l-istruttura tas-suq u l-pożizzjoni tal-fornituri tal-fjuwil tal-avjazzjoni jiġi jkollhom impatt fuq il-prezz u d-disponibbiltà tal-SAF. Il-Kummissjoni se tiġbor informazzjoni dwar il-kuntratt ta' konċessjoni attwali u tipi oħra ta' ftehimiet kummerċjali li jistgħu jiċċaraw ir-relazzjonijiet bejn il-korpi ta'

amministrazzjoni tal-ajruporti, il-fornituri tal-fjuwil tal-avjazzjoni u l-groundhandlers tal-fjuwil tal-avjazzjoni. Dan se jgħinha tifhem ir-relazzjonijiet ekonomiċi u legali tagħhom u l-impatt li jiġi jkollhom fuq il-kwalità u l-prezz tal-SAF imħallta fl-ajruporti tal-Unjoni. Huwa meħtieġ fehim aħjar tar-rwoli differenti ta' kull parti kkonċernata u tal-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet rigward il-volumi u l-kwalità tal-fjuwils tal-avjazzjoni disponibbli fl-ajruporti tal-Unjoni biex jiġi indirizzat it-tħassib espress mill-operaturi tal-ingienji tal-ajru. Dan se jgħin ukoll lill-Kummissjoni timmonitorja l-prattiki kummerċjali f'dan il-kuntest il-ġdid tas-suq, fejn diversi tipi ta' SAF imħallta dalwaqt sejkun disponibbli b'differenzi sostanzjali fil-prezzijiet.

Il-Kummissjoni se tkompli l-istudju tekniku u tal-fattibbiltà dwar il-mekkaniżmi ta' kontabilità tal-SAF fi ħdan il-qafas regolat tal-UE (inkluż dawk li jippermettu n-negozjar virtwali taċ-ċertifikati ta' sostenibbiltà tal-SAF) permezz ta' azzjoni preparatorja li bdiet f'Diċembru 2024, f'kollaborazzjoni mal-EASA. Il-ħidma fl-ambitu ta' din l-azzjoni preparatorja se tkopri wkoll il-valutazzjoni tar-rekwiżiti kummerċjali u tekniċi u l-kostijiet relatati taż-żewġ azzjonijiet ta' titjib imsemmija hawn fuq għall-UBD. L-eżitu tal-azzjoni preparatorja mal-EASA jista' jinforma kwalunkwe evalwazzjoni jew valutazzjoni tal-impatt futuri għal reviżjoni possibbli (fejn ġustifikat) ta' biċċiet rilevanti tad-dritt tal-UE, speċjalment fir-rigward tal-użu ta' ċertifikati virtwali tal-SAF skont id-dritt tal-UE.

Anness 1: Ħarsa ġenerali lejn it-tip ta' fjuwils tal-avjazzjoni sostenibbli (SAF) (mhux eżawrjenti)

Tip ta' SAF	Materja prima	Speċifik azzjoni ASTM	Propor zjon massi mu t-tahħita	Produtturi fl-UE (inkluż proġetti ppjanati)	Xerrejja (linji tal-ajru)	Utenti (ajruporti)
HEFA	Bijożjut, xaħam tal-annimali, żjut riċiklati	D7566	50 %	Neste (il-Finlandja, u ppjanat fin-Netherlands), ENI (l-Italja), Preem (l-İzvejja), SkyNRG (sit tan-Netherlands), Shell (in-Netherlands), TotalEnergies (Franza)	Lufthansa, KLM, IAG, Finnair, UPS u Amazon Prime Air (Neste)	Rotterdam The Hague Airport (produzzjoni ta' Shell fuq il-post) Charles de Gaulle ta' Pariġi (Total) Ajruport ta' Le Bourget (Total) Ruma Fiumicino (ENI)
CHJ	Trigliċeridi: fażola tas-sojja, jatrophja, żejt tal-kamelina, eċċ.	D7566	50 %			
FT	Bijomassa	D7566	50 %	Enerkem/Shell (in-Netherlands), Repsol (Spanja),	British Airways (ftehim ta' investiment/xiri ta' Velocys)	
SIP	Bijomassa mill-produuzzjoni tazzokkor	D7566	10 %			
AtJ	Bijomassa mill-produuzzjoni tal-etanol jew tal-isobutanol	D7566	50 %	LanzaJet (l-İzvejja), SkyNRG (in-Netherlands)	Scandinavian Airlines, Iberia Airlines (ftehim ta' xiri ta' Gevo), British Airways (ftehim ta' investiment/xiri ta' LanzaJet), Virgin Atlantic (ftehim ta' xiri ta' LanzaJet)	
HC-HEFA	Alka	D7566	10 %			
Koproċe ssar	Materja prima FT u HEFA	D1655	5 %	AirBP (il-Ġermanja), Repsol (Spanja)		
Fjuwils tal-avjazzjoni sintetiċi	Enerġija rinnovabbli, ilma, karbonju		50 %	SkyNRG (NL)		

## Anness 2: Rotot tal-produzzjoni tal-fjuwils tal-avjazzjoni sostenibbli (SAF)

<b>Esteri idrotrattati u aċċidi grassi (HEFA, hydrotreated esters and fatty acids)</b>	Il-produzzjoni tal-HEFA tinkludi l-użu tal-idroġenu għar-raffin tar-ċċu kieni. Il-molekuli paraffiniċi semplicei mbagħad jiġi krekkjati bis-sħana u jiġi isomerizzati għat-tul tal-katina tal-fjuwil tal-ġettijiet.
<b>Fischer-Tropsch (FT)</b>	It-teknoloġija tas-sinteżi FT tista' tintuża biex jiġi gassifikat kwalunkwe materjal li fih il-karbonju biex jiġi prodotti l-monossidu tal-karbonju u l-idroġenu – magħruf bħala syngas. Is-syngas jaġixxi bħala element kostitwenti li għandu jintuża fil-produzzjoni tal-SAF. Is-syngas jiġi likwififik permezz ta' reazzjoni katalitika mal-ħadid, il-kobalt, in-nikil u r-rutenu. Imbagħad jiġi krekkjat bis-sħana f'molekuli iż-ġie biex jiġi prodott il-prodott finali tal-kerosin. Hemm żewġ perkorsi ċċertifikati għall-produzzjoni tal-SAF bl-użu tat-teknoloġija FT: (i) il-kerosin paraffiniċu sintetiku (SPK, synthetic paraffinic kerosene) jipproduċi fjuwil tal-ġettijiet paraffiniċu semplicei; u (ii) l-SKA jipproduċi kerosin sintetiku minn komposti aromatiċi addizzjonali.
<b>Idrotermoliżi katalitika (CHJ, catalytic hydrothermolysis)</b>	Is-CHJ tikkonverti l-esteri tal-aċċidi grassi u l-aċċidi grassi ħielsa fl-SAF permezz ta' idrotermoliżi katalitika. L-SAF jiġi pproċessati ulterjorment bi kwalunkwe kombinazzjoni ta' idrotrattament, idrokrekjar, jew idroisomerizzazzjoni u frazzjonament.
<b>Isoparaffini sintetizzati (SIP, synthesised iso-paraffins)</b>	L-SIP jiffermentaw u jikkonvertu z-zokkor f'sitt komposti kimiċi relatati mill-qrib imsejħa farnesen. Il-farnesen imbagħad jiġi ttrattat bl-idroġenu u jista' jintuża fl-SAF.
<b>Alcohol to Jet (AtJ)</b>	L-AtJ jikkonverti l-alkoħol fi fjuwil tal-ġettijiet SPK billi jneħħi l-ossiġenu u jgħaqqa il-molekuli flimkien biex jikseb it-tul xieraq tal-katina tal-karbonju.
<b>Idrokarburi, esteri u aċċidi grassi idropoċċessati (HC-HEFA)</b>	Fil-proċess HC-HEFA, li huwa simili għall-proċess HEFA, l-esteri tal-aċċidi grassi ħielsa u l-aċċidi grassi ħielsa jittejbu għall-użu fl-SAF. Il-molekuli tal-idrokarburi huma saturati u l-ossiġenu kollu jitneħħa permezz tal-idropoċċessar. Sors bijolóġiku rikonoxxut wieħed huwa l-ispeċi ta' alka <i>Botryococcus braunii</i> .
<b>Fjuwils tal-avjazzjoni sintetiċi</b>	Il-fjuwil tal-avjazzjoni sintetiku huwa derivat minn proċess tal-elettriku għal-likwidu. L-ilma jinqasam f'idroġenu u ossiġenu permezz tal-elettroliżi bl-użu ta' enerġija rinnovabbli. L-idroġenu mbagħad jiġi akkoppja mad-dioxisidu tal-karbonju biex jifforma monossidu tal-karbonju u ilma. Bl-użu tal-proċess ta' sinteżi FT, l-idroġenu u l-monossidu tal-karbonju jiġi kkonvertiti f'xama'. Din ix-xama' ta' tagħixxi bħala żejt mhux maħdum sintetiku li jista' jiġi ttrasformat fi fjuwils differenti, inkluż fjuwil tal-avjazzjoni sintetiku. Il-fjuwil tal-avjazzjoni sintetiku jarmi biss il-karbonju li jidħol matul il-proċess tal-produzzjoni tiegħu meta jinħaraq. L-użu tal-karbonju mill-qbid tal-karbonju jfisser li l-fjuwil huwa newtrali f'termini ta' emissjonijiet tal-karbonju.
<b>Koproċċessar</b>	Il-koproċċessar muwiex perkors iddedikat għall-SAF iżda huwa proċess konġunt fir-raffin tar-ċċu. Il-materja prima FT jew HEFA tiddaħħal fil-proċessi eżistenti tar-raffin tar-fjuwil tal-ġettijiet. Il-materja prima FT koproċċessata tuża xama' FT, li hija proddott sekondarju tal-proċess FT. Il-materja prima HEFA koproċċessata ssir bl-użu ta' żejt veġetali, żejt skartat u materja prima grassa.